Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0550(COD)

22.6.2026

EMENDI
604 - 916

Abbozz ta' rapport
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke
(PE787.746v01-00)

L-istabbiliment tal-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034, u t-tħassir tar-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

Proposta għal regolament
(COM(2025)0550 – 2025/0550(COD))

Emenda 604
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Il-Programm jenħtieġ li jrawwem sinerġiji u komplementarjetà ma' Ewropa Globali għax dan jikkontribwixxi għall-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz tal-kooperazzjoni kulturali.	(28) Il-Programm jenħtieġ li jrawwem sinerġiji u komplementarjetà ma' Ewropa Globali għax dan jikkontribwixxi għall-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz tal-kooperazzjoni kulturali ***inklużi miżuri għall-iffaċilitar taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera, il-ħolqien, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà ta' xogħlijiet kulturali u awdjoviżivi***.

Or. en

Emenda 605
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-inklużjoni u l-parteċipazzjoni soċjali, l-ugwaljanza, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità, l-aċċessibbiltà, l-indipendenza u l-pluraliżmu, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti fil-fergħat kollha tal-Programm u biex tittejjeb il-valutazzjoni tal-kontribut tiegħu għal dawk l-objettivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi Markatur orizzontali, li jibni fuq prattiki eżistenti tal-Kummissjoni bħall-Markatur tal-Inugwaljanza użat fil-programmi ta' azzjoni esterna tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Markatur jikkomplementa l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-Programm li jservu bħala

għodda ta' integrazzjoni u monitoraġġ billi jipprovdi gwida u appoġġ għat-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet. Dan għandu jkun proporzjonat u ma għandux jikkostitwixxi kriterju ta' eliġibbiltà jew jimponi piż amministrattiv bla bżonn fuq l-applikanti jew il-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 606
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Id-diversità kulturali fl-Unjoni hija ffurmata wkoll minn persuni mingħajr aċċess jew b'aċċess insuffiċjenti għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Il-professjonisti kulturali jidentifikaw b'mod konsistenti l-iżgurar tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, irrispettivament mill-istatus tal-impjieg, bħala l-aktar problema urġenti tagħhom[1a]. Għalhekk, il-programm għandu jkun jista' jiffinanzja wkoll miżuri mmirati lejn l-iżvilupp ta' kunċetti u l-istabbiliment u l-espansjoni ta' strutturi ta' protezzjoni soċjali għall-artisti madwar l-Ewropa.
	[1a] "Mutual learning workshop on Access to social protection for artists" (Workshop ta' tagħlim reċiproku dwar l-Aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-artisti), p. 6 https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/document/download/6e00b4b1-443b-4c12-9900-9372dc6111cc_en?filename=MLS_SP%20for%20artists_Report_EMPL_Final%20%281%29.pdf

Or. de

Emenda 607
Mario Furore

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Jenħtieġ li l-Programm jopera f'komplementarjetà u sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), inkluż, meta rilevanti, permezz ta' strumenti finanzjarji stabbiliti fil-qafas tal-FEK jew strumenti oħra, bħal Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, iż-żieda fl-innovazzjoni, il-bini tal-kapaċità teknoloġika u l-investiment transfruntier fis-setturi kulturali, tal-informazzjoni u tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 608
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Jenħtieġ li l-Programm jopera f'komplementarjetà u sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), inkluż, meta rilevanti, permezz ta' strumenti finanzjarji stabbiliti fil-qafas tal-FEK jew strumenti oħra, bħal Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, iż-żieda fl-innovazzjoni, il-bini tal-kapaċità teknoloġika u l-investiment transfruntier fis-setturi kulturali, tal-informazzjoni u tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 609
Mario Furore

Proposta għal regolament
Premessa 28b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28b) Abbażi tal-mekkaniżmu ta' aġġustament speċifiku għall-programm stabbilit skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027, u fid-dawl tar-riskji dejjem jikbru li jinħolqu mill-konċentrazzjoni ta' setgħa fis-swieq diġitali, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-kultura, il-ġurnaliżmu, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, permezz ta', fost l-oħrajn, is-sensja, il-ksur tad-drittijiet tal-awtur, it-tnaqqis tal-iskopribbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew, id-distorsjoni tas-suq u t-tixrid tal-manipulazzjoni u d-diżinformazzjoni, id-dħul minn multi imposti skont ir-Regolamenti (UE) 2022/1925, (UE) 2022/2065 u (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li jsir disponibbli bħala approprjazzjonijiet addizzjonali ta' impenn u ta' pagament għall-Programm.

Or. en

Emenda 610
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 28b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28b) Ammont li jkun mill-inqas ekwivalenti għad-dħul mill-multi skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2022/2065, (KE) Nru 2022/1925, u (KE) Nru 2024/1689 se jsir disponibbli bħala

	allokazzjoni addizzjonali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament lill-Programm, wara l-preċedent tal-aġġustament speċifiku gall-programm stabbilit skont il-QFP 2021–2027, u filwaqt li jitqiesu r-riskji sinifikanti u l-effetti negattivi li d-dominanza tas-suq diġitali toħloq għall-kultura, il-media, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, inklużi t-telf ta' impjiegi, id-distorsjoni tas-suq u t-tixrid tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni;
	Or. en

Emenda 611
Annamária Vicsek, András László

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa ***l-finanzjament*** tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.	(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa ***wkoll il-finanzjament*** tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej***, filwaqt li jkun mifhum li kwalunkwe rifjut ta' tali inizjattivi mill-Kummissjoni jenħtieġ li jkun debitament motivat u bbażat fuq valutazzjoni bir-reqqa biżżejjed, appoġġat minn ġustifikazzjoni legali u sostantiva dettaljata***. Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.
[18] Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI:	[18] Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj).	http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj).

Or. en

Emenda 612
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.	(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. ***Tali appoġġ irid ikun strettament limitat għal assistenza teknika u proċedurali, mingħajr ma jiffinanzja kampanji ta' komunikazzjoni jew lobbjar għal inizjattivi speċifiċi.*** Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.
[18] Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj).	[18] Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj).

Or. it

Emenda 613
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa ***l-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni*** tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.	(29) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa ***l-implimentazzjoni kosteffettiva*** tar-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Flimkien mal-bqija tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-TFUE, dak id-dritt jiżgura l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.
[18] Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj).	[18] Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj).
	Or. fi

Emenda 614
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) L-impatt, ir-rispett effettiv tal-valuri Ewropej, il-kwalità u r-rilevanza jenħtieġ li jikkostitwixxu kriterji ewlenin ta' evalwazzjoni għall-għażla tal-proġetti fl-ambitu tal-Programm.
	Or. en

Emenda 615
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***Biex tkun żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji tal-Programm, inkluż meta kkombinati ma' forom*** oħra ***ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) skont ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ mill-Istrument InvestEU tal-FEK***.	(30) ***Ifakkar li l-komplementarjetà ssuġġerita ma' programmi oħra tal-Unjoni tista' tinkoraġġixxi l-finanzjament doppju, għall-kuntrarju tal-Opinjoni 11/2026 tal-Qorti tal-Awdituri dwar dan ir-Regolament***.

Or. fr

Emenda 616
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Biex tkun żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji tal-Programm, inkluż meta kkombinati ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) skont ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ mill-Istrument InvestEU tal-FEK.	(30) Biex tkun żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji tal-Programm, inkluż meta kkombinati ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) skont ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ mill-Istrument InvestEU tal-FEK. ***Meta tali appoġġ jikkonċerna l-media u l-aħbarijiet, jenħtieġ li jinkludi salvagwardji li jiżguraw ir-rispett għall-pluraliżmu tal-media, l-indipendenza editorjali, u l-istandards professjonali.***

Or. en

Emenda 617

Mario Furore

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Biex tkun żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji tal-Programm, inkluż meta kkombinati ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) skont ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ mill-Istrument InvestEU tal-FEK.	(30) Biex tkun żgurata l-konsistenza, il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji tal-Programm, inkluż meta kkombinati ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) skont ftehimiet konklużi għal dak it-tip ta' appoġġ mill-Istrument InvestEU tal-FEK. ***Meta tali appoġġ jikkonċerna l-media u l-aħbarijiet, jenħtieġ li jinkludi salvagwardji li jiżguraw ir-rispett għall-pluraliżmu tal-media, l-indipendenza editorjali, u l-istandards professjonali.***

Or. en

Emenda 618
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) L-għan ta' AgoraEU huwa li jippromwovi bidla pożittiva b'appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, id-diversità kulturali, il-libertà tal-espressjoni, il-parteċipazzjoni ċivika, u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għal dan l-għan, il-finanzjament fl-ambitu tal-Programm jenħtieġ li jingħata biss għal azzjonijiet li jirrispettaw u ma jimminawx dawk il-valuri. Il-proġetti appoġġati jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-preżentazzjoni tal-affarijiet Ewropej fid-diversità sħiħa

	tagħhom billi jipproġettaw immaġni ġusta u akkurata tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini tagħha. Jenħtieġ li l-finanzjament ma jingħatax għal azzjonijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-Programm jew jikkompromettu l-valuri tal-Unjoni. L-attivitajiet fl-ambitu ta' dan il-programm jenħtieġ li jippermettu liċ-ċittadini jifhmu aħjar il-valur miżjud tal-UE tal-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam ta' politika.

Or. en

Emenda 619
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Meta l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Programm ikun irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan l-appoġġ jeħtieġ jingħata esklużivament permezz tal-Instrument InvestEU tal-FEK f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-FEK.	(31) Meta l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Programm ikun irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan l-appoġġ jeħtieġ jingħata esklużivament permezz tal-Instrument InvestEU tal-FEK f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Instrument InvestEU tal-FEK. ***L-użu ta' dawn l-istrumenti jrid ikun eċċezzjonali u debitament ġustifikat, filwaqt li jitqies li hemm riskju li s-setturi kulturali u ċiviċi jfixklu s-suq jekk ikunu strutturalment dipendenti mill-garanziji pubbliċi Ewropej.***

Or. it

Emenda 620
Chiara Gemma, Marco Squarta, Lara Magoni, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli.	(32) Il-Kummissjoni ***trid tiżgura trasparenza massima fit-tqassim tal-impenji baġitarji f'pagamenti annwali u*** jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jeħtiġilhom jiġu infurmati fi żmien xieraq dwar kwalunkwe bidla sinifikanti fl-allokazzjoni tar-riżorsi bejn il-linji tal-programm.***

Or. it

Emenda 621
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli.	(32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli***, u dan kollu filwaqt li tipprovdi livell meħtieġ ta' ċertezza lill-benefiċjarji biex tippermetti l-ġestjoni u l-ippjanar fuq terminu medju tal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-impenji baġitarji***.

Or. en

Emenda 622
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet ***tagħhom u l-baġit*** disponibbli.	(32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress ***ippruvat*** tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet***, il-baġit*** disponibbli ***u t-trasparenza tal-azzjonijiet li għalihom jintuża l-finanzjament***.

Or. fi

Emenda 623
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli.	(32) Il-Kummissjoni***, bil-qbil tal-Istati Membri,*** jenħtieġ li tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, l-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja l-pagamenti annwali tul l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tqis il-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli.

Or. fr

Emenda 624
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) L-applikanti jenħtieġ li juru, fl-applikazzjonijiet tagħhom, li l-attivitajiet proposti huma konsistenti mal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u li l-politiki istituzzjonali u l-governanza tal-applikant stess huma kompatibbli ma' dawk il-valuri. L-attivitajiet iffinanzjati skont il-Programm jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità ma' dawk il-valuri matul id-durata kollha tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-proċeduri tal-għoti, il-kriterji ta' akkreditament u l-arranġamenti ta' monitoraġġ applikabbli għall-Programm jinkludu miżuri xierqa u proporzjonati biex tiġi vverifikata l-konformità mal-paragrafu 1, kemm fl-istadju tal-evalwazzjoni kif ukoll f'dak tal-implimentazzjoni. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproduċi u taġġorna regolarment linji gwida li jiċċaraw kif għandha tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri msemmija fil-paragrafu 1. Meta jiġi identifikat nuqqas ta' konformità matul jew wara l-proċedura ta' għoti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa, inkluż ir-rifjut tal-applikazzjoni, is-sospensjoni tal-pagamenti u, meta jkun ġustifikat, it-tnaqqis jew l-irkupru tal-fondi, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-informazzjoni dwar l-applikanti jew il-benefiċjarji li jinsabu mhux konformi mal-valuri tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni msemmija fl-Artikolu 137 tar-

Regolament Finanzjarju.

Or. en

Emenda 625
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Jenħtieġ li jiġi stabbilit djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-benefiċjarji tal-Programm u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra billi jiġi stabbilit Grupp ta' Djalogu Ċivili. Jenħtieġ li l-Grupp ta' Djalogu Ċivili jkun forum informali u miftuħ għad-diskussjoni u jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba u għad-diskussjoni ta' żviluppi ta' politika fl-oqsma u fl-objettivi koperti mill-Programm u minn oqsma relatati. Il-Grupp ta' Djalogu Ċivili jenħtieġ li ma jkollu l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm. Jista' jiġi organizzat, fejn xieraq, f'konfigurazzjonijiet li jirriflettu l-fergħat differenti tal-Programm.

Or. en

Emenda 626
Mario Furore

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Jenħtieġ li jiġi żgurat djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-benefiċjarji tal-Programm u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra mill-

Kummissjoni fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm. Jenħtieġ li tali djalogu jikkontribwixxi għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba u għad-diskussjoni ta' żviluppi ta' politika fl-oqsma u fl-objettivi koperti mill-Programm. Jista' jiġi organizzat, fejn xieraq, f'konfigurazzjonijiet li jirriflettu l-fergħat differenti tal-Programm.

Or. en

Emenda 627
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Ċerti azzjonijiet appoġġati skont il-Programm, b'mod partikolari dawk imwettqa minn organizzazzjonijiet fl-għeruq tas-soċjetà, media indipendenti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u organizzazzjonijiet żgħar tas-soċjetà ċivili, spiss jiffaċċjaw diffikultajiet strutturali biex jiżguraw sorsi komplementari ta' finanzjament. Għalhekk, f'każijiet debitament ġustifikati, jenħtieġ li l-għotjiet tal-Unjoni jkunu jistgħu jkopru sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni, tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u tiġi massimizzata l-effettività tal-appoġġ tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 628
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Premessa 32b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32b) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tipproteġi u tippromwovi d-demokrazija, id-drittijiet fundamentali, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, u li tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi emerġenti fl-ambjent tal-informazzjoni u dak diġitali, jenħtieġ li jsiru disponibbli riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Minħabba r-rabta mill-qrib bejn l-objettivi ta' dan il-Programm u l-infurzar tar-regoli tal-Unjoni mmirati biex jiżguraw ekosistema diġitali ġusta, sikura u bbażata fuq id-drittijiet, inklużi r-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), ir-Regolament (UE) 2022/1925 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) u r-Regolament (UE) ... [l-Att dwar l-IA], jenħtieġ li sehem mill-ammonti miġbura permezz ta' multi, penali u pagamenti perjodiċi ta' penali imposti u miġbura skont id-dritt tal-Unjoni jiġi allokat għall-Programm. Dan jippermetti lill-Unjoni tinvesti mill-ġdid parti mir-rikavati tal-azzjonijiet ta' infurzar f'miżuri li jsaħħu r-reżiljenza demokratika, jappoġġaw il-media indipendenti u l-ġurnaliżmu, irawmu l-parteċipazzjoni ċivika u jipproteġu d-drittijiet fundamentali, u b'hekk joħolqu ċiklu virtuż bejn l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 629
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 32b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32b) Id-djalogu jenħtieġ li jinvolvi rappreżentanza bbilanċjata ta' partijiet

ikkonċernati attivi fis-setturi kulturali, awdjoviżivi, tal-media u ċiviċi, inkluż, kif xieraq, organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, atturi indipendenti tal-media u tal-ġurnaliżmu, rappreżentanti tal-industrija awdjoviżiva u tal-films, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza, assoċjazzjonijiet professjonali, sħab soċjali, istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi, u atturi rilevanti oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Programm. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu żgurati d-diversità ġeografika u l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet u atturi iżgħar minn reġjuni u swieq tal-media sottorappreżentati.

Or. en

Emenda 630
Mario Furore

Proposta għal regolament
Premessa 32b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li jsiru skambji strutturati fi stadju bikri fit-thejjija tal-programmi ta' ħidma u li l-partijiet ikkonċernati jiġu pprovduti, fil-ħin u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità, informazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet previsti, sabiex tkun tista' ssir is-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet.

Or. en

Emenda 631
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 32c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li jsiru skambji strutturati fi stadju bikri fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u li l-partijiet ikkonċernati jiġu pprovduti, fil-ħin u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità, informazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet previsti, sabiex tkun tista' ssir is-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet.

Or. en

Emenda 632
Mario Furore

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.	(33) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji. ***Dawk ir-regoli jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod li jiżgura l-aktar aċċess wiesa' possibbli għall-Programm, b'mod partikolari għall-SMEs, il-mikroorganizzazzjonijiet u l-applikanti għall-ewwel darba. Għalhekk, jenħtieġ li l-proċeduri ta' applikazzjoni u rapportar ikunu sempliċi, faċli għall-utent u proporzjonati, filwaqt li jagħmlu użu akbar minn approċċi simplifikati, diġitali u bbażati fuq ir-riskju filwaqt li jevitaw pożijiet amministrattivi bla bżonn. Il-***

	mekkaniżmi ta' finanzjament jenħtieġ li jibqgħu flessibbli biżżejjed biex jirriflettu d-diversità tal-benefiċjarji u tal-proġetti, u jippermettu li l-appoġġ ikun ibbażat fuq l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm aktar milli fuq rekwiżiti amministrattivi jew operazzjonali riġidi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi wkoll gwida ċara u feedback trasparenti lill-applikanti sabiex ittejjeb l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni fil-Programm.
[19] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).	[19] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).
	Or. en

Emenda 633
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.	(33) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji. ***Dispożizzjonijiet li jiżguraw proċeduri rapidi u flessibbli għall-ħolqien tal-għotjiet, inkluż pakkett ta' inklużjoni ddedikat għall-kostijiet tal-aċċessibbiltà barra mill-iskema ta' kofinanzjament, bħal proċedura ta' applikazzjoni f'żewġ***

stadji, applikazzjonijiet faċli għall-utent u proċeduri ta' rapportar jenħtieġ li jiġu operazzjonalizzati u msaħħa aktar bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Programm.

[19] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

[19] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Or. en

Emenda 634
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, fl-implimentazzjoni tal-baġit, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta, u għandhom jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE rilevanti fl-implimentazzjoni tal-baġit.

Or. en

Emenda 635
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Programm permezz ta' programmi ta' ħidma, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Premessa standard dwar l-atti ta' implimentazzjoni - tirrifletti dik tal-Kunsill.

Emenda 636
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 japplika għal dan il-Programm. Dan jistabbilixxi reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 637
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[21], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[22] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[23], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-	(34) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[21], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[22] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[23], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-

OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. ***Għalhekk, il-Programm irid jagħti attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-użu ħażin u lill-irkupru ta' riżorsi meta jiġi skopert użu ħażin.***

---

[20] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj).

[21] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj).

[22] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

[24] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-

[20] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj).

[21] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj).

[22] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

[24] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-

liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj).

liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj).

Or. fi

Emenda 638
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Programm jenħtieġ li tkun soġġetta għal kundizzjonijiet stretti u proporzjonati li jiżguraw li tali parteċipazzjoni taqdi b'mod effettiv l-interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u tagħti valur miżjud ċar. Jenħtieġ li l-assoċjazzjoni tingħata biss meta l-pajjiż terz ikkonċernat jikkondividi u jipproteġi l-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, jiżgura livell għoli biżżejjed ta' allinjament mad-dritt u l-politiki rilevanti tal-Unjoni, u jipprovdi garanziji ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-Istati Membri fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u r-rispett għad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 639
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Minbarra l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont ir-

Regolament Finanzjarju, il-benefiċjarji kollha għandhom ikunu soġġetti għal obbligi ta' trasparenza msaħħa. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-fondi tal-Unjoni ma jingħatawx abbażi ta' kunsiderazzjonijiet politiċi jew ideoloġiċi u li l-fondi tal-Unjoni ma jintużawx biex jirrestringu l-libertà tal-espressjoni. Il-benefiċjarji għandhom jiżvelaw is-sorsi ta' finanzjament prinċipali, l-istrutturi ta' governanza u l-attivitajiet ta' lobbjar tagħhom. In-nuqqas ta' konformità għandu jikkostitwixxi raġuni għal sospensjoni, irkupru jew esklużjoni minn finanzjament futur.

Or. en

Emenda 640
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Sabiex jiġu ppreżervati l-integrità, l-awtonomija u l-kapaċità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li ma tagħti l-ebda influwenza fuq il-governanza tal-Programm. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu kontribuzzjoni ġusta u bbilanċjata u jenħtieġ li jinkludu mekkaniżmi robusti għall-monitoraġġ, l-awditjar u l-infurzar, inkluż l-irkupru effettiv tal-fondi fejn rilevanti. L-ambitu tal-assoċjazzjoni jenħtieġ li jkun differenzjat u jista' jeskludi oqsma sensittivi, filwaqt li jqis il-livell ta' konverġenza regolatorja, il-kapaċità amministrattiva, u r-rekord tal-pajjiż terz fil-konformità mal-istandards u l-obbligi tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tkun kundizzjonali fuq in-nuqqas ta' riskji għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà, jew għall-funzjonament

xieraq tal-Programm. Fejn ġustifikat, jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tirrestrinġi, tissospendi jew ittemm il-parteċipazzjoni, kollha kemm hi jew parti minnha, inkluż fil-livell ta' azzjonijiet jew benefiċjarji speċifiċi.

Or. en

Emenda 641
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Sabiex jiġu ppreżervati n-newtralità politika u l-fiduċja pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-finanzjament tal-Unjoni ma jintużax biex jappoġġa l-promozzjoni ideoloġika, il-kampanji politiċi partiġjani, u l-finanzjament tal-media għandu jkun kompletament trasparenti u limitat b'mod proporzjonat għad-dħul totali ta' kumpanija tal-media.

Or. en

Emenda 642
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi	(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi

tal-prinċipji “la tagħmilx ħsara sinifikanti” u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta’ portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.	tal-prinċipji “la tagħmilx ħsara sinifikanti” u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta’ portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet. ***L-indikaturi tal-prestazzjoni jenħtieġ li jkunu kwantitattivi, li jistgħu jitkejlu u ffukati fuq riżultati konkreti, u mhux biss fuq ir-rapportar dwar l-attivitajiet imwettqa.***

Or. it

Emenda 643
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f’konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-prinċipji ***“la tagħmilx ħsara sinifikanti” u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f),*** tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta’	(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f’konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-prinċipji ***orizzontali*** tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta’ portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra

portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.

applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.

Or. en

Emenda 644
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi ***tal-prinċipji*** "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ***u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija*** fl-Artikolu 33(2), ***il-punti (d) u (f)***, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.	(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi ***tal-prinċipju*** "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ***msemmi*** fl-Artikolu 33(2), ***il-punti (d)***, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.

Or. fi

Emenda 645
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri msemmija*** fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.	(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn ***in-nisa u l-irġiel imsemmija*** fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.

Or. sk

Emenda 646
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Għal għotjiet implimentati permezz ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew mal-għażliet ta' kostijiet

issimplifikati, il-programm ta' ħidma jew id-dokumentazzjoni tal-għoti jenħtieġ li jispeċifikaw il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont tal-appoġġ tal-Unjoni, l-istadji importanti, il-miri jew il-kundizzjonijiet l-oħra li jiskattaw il-pagament oġġettivament verifikabbli, il-proċedura għall-verifika tal-issodisfar tagħhom, u l-konsegwenzi tal-issodisfar parzjali jew in-nuqqas ta' ssodisfar, inkluż it-tnaqqis proporzjonali tal-għotja u tal-irkupri, fejn applikabbli. Dik il-metodoloġija jenħtieġ li tiġi applikata mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Jenħtieġ li l-użu ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet u mal-għażliet ta' kostijiet issimplifikati ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli rilevanti dwar l-esklużjoni, il-kunflitti ta' interess, l-evitar ta' finanzjament doppju, jew id-drittijiet tal-awditjar u tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni, tal-OLAF, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-UPPE.

Or. en

Emenda 647
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni transsettorjali u s-sinerġiji bejn il-kultura, il-media u s-soċjetà ċivili. L-attivitajiet trażversali u orizzontali għandhom jindirizzaw sfidi u opportunitajiet komuni. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu etiku, sostenibbli u responsabbli ta' għodod innovattivi u teknoloġiji tal-kontenut, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet, u l-aċċess għall-finanzjament għal organizzazzjonijiet iżgħar, atturi

lokali u applikanti għall-ewwel darba. Madankollu, l-objettiv li jitrawmu sinerġiji fost l-objettivi ta' AgoraEU ma għandux jippreġudika, jiżvantaġġa jew b'xi mod ieħor jillimita l-eliġibbiltà jew il-valutazzjoni tal-proposti għal proġetti li jiffukaw esklużivament fuq objettiv uniku ta' AgoraEU.

Or. en

Emenda 648
Alessandro Ciriani, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Il-programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni transsettorjali. L-attivitajiet trażversali u orizzontali jridu jindirizzaw sfidi komuni, inkluż dawk li jirriżultaw mill-użu tal-IA. Fl-era tal-intelliġenza artifiċjali, il-kreattività tal-bniedem tibqa' insostitwibbli. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu etiku, sostenibbli u responsabbli ta' għodod innovattivi u teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-intelliġenza artifiċjali, pereżempju billi jiġu mħeġġa l-protezzjoni u l-valorizzazzjoni tad-data kulturali u kreattiva, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Or. it

Emenda 649
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-użu ta' teknoloġiji diġitali u innovattivi fis-setturi kulturali u kreattivi, f'sinerġija shiha ma' Programmi oħra tal-UE, speċifikament il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, sabiex tiżdied il-kompetittività tas-setturi. Fl-istess ħin, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa u jipproteġi l-kreattività tal-bniedem permezz tal-użu etiku u responsabbli tat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li jirrikonoxxi li l-kreattività tal-bniedem tibqa' assi insostitwibbli, speċjalment fis-setturi kulturali u kreattivi, fejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali hija essenzjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-IA għandha tkun għodda fis-setturi kulturali u kreattivi - il-kreattività tal-bniedem tibqa' insostitwibbli, u l-protezzjoni tad-DPI hija l-kundizzjoni abilitanti.

Emenda 650
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) L-aċċess għall-finanzjament fl-ambitu ta' dan il-Programm għandu jkun soġġett għal rekwiżiti stretti ta' eliġibbiltà u kontroll.

Or. en

Emenda 651
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament

Premessa 35b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35b) F'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza minqux fl-Artikolu 15 tat-TFUE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom iwettqu l-ħidma tagħhom kemm jista' jkun b'mod miftuħ. Barra minn hekk, f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jenħtieġ li titfittex l-akbar trasparenza fir-rigward tal-informazzjoni dwar ir-riċevituri kollha tal-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu ta' dan il-Programm, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-sottokuntratturi u l-benefiċjarji aħħarin. L-informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni, inklużi l-benefiċjarji finali, jenħtieġ li tiġi ppubblikata fuq portal tal-finanzjament tal-Unjoni ċentralizzat u ddedikat imsemmi f'(UE) [XXX]* [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], u jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni ċara dwar l-ammonti allokati, l-iskop tal-finanzjament, ir-riżultati miksuba, u kwalunkwe trasferiment sussegwenti tal-finanzjament. Ir-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni jenħtieġ li jkopru l-metodi kollha ta' implimentazzjoni tal-baġit. Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà sħiħa tal-fondi u biex jiġi pprevenut kwalunkwe użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi, jenħtieġ li tiġi ppubblikata l-lista tal-benefiċjarji finali tal-finanzjament Ewropew mogħti lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet relatati, inklużi s-sottokuntratturi u s-sħab tagħhom.

Or. en

Emenda 652
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 35b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35b) Il-Programm jenħtieġ li jrawwem kooperazzjoni u sinerġiji transsettorjali bejn is-setturi kulturali u kreattivi, is-setturi tal-media u s-soċjetà ċivili. L-azzjonijiet trażversali u orizzontali tiegħu jenħtieġ li jindirizzaw l-isfidi komuni għal dawn is-setturi, inkluż dawk li jirriżultaw mill-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji emerġenti oħra. Filwaqt li l-intelliġenza artifiċjali toffri opportunitajiet sinifikanti għall-innovazzjoni, il-kreattività tal-bniedem tibqa' fil-qalba tal-ekosistema kulturali u kreattiva tal-Ewropa. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-iżvilupp u l-użu etiċi, sostenibbli u responsabbli ta' teknoloġiji u għodod tal-kontenut innovattivi, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li jissalvagwardja l-kreattività tal-bniedem u d-diversità kulturali. B'mod partikolari, jenħtieġ li jappoġġa miżuri mmirati lejn il-protezzjoni, il-preżervazzjoni u t-titjib tal-valur tad-data kulturali u kreattiva, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-qafas legali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 653
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 35c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35c) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u jinżammu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa essenzjali li tiġi żgurata

sorveljanza effettiva tal-attivitajiet iffinanzjati permezz tal-fondi tal-Unjoni, kif ukoll konformità sħiħa mill-benefiċjarji ma' dawk il-valuri. Meta tali rekwiżiti ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa, inkluża s-sospensjoni immedjata tal-finanzjament tal-Unjoni, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tiżgura l-obbligu ta' rendikont. L-awtodikjarazzjoni tal-benefiċjarji jenħtieġ li ma titqiesx bħala suffiċjenti.

Or. en

Emenda 654
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks tal-Programm jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm[25] .	***imħassar***

[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ

finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċji fil-pajjiżi parteċipanti. L-Uffiċċji jenħtieġ li jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.

Or. fr

Emenda 655
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks ***tal-Programm***, li l-Istati Membri għandhom ***il-possibbiltà li*** jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks ***tal-Programm*** jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet	(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol ***u l-funzjonament*** tad-Desks ***ta' AgoraEU***, li l-Istati Membri ***u pajjiżi parteċipanti oħra*** għandhom jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri***, jippromwovu l-Programm u jipprovdu informazzjoni dwar il-forom varji ta' appoġġ finanzjarju disponibbli skont il-politiki tal-Unjoni. L-implimentazzjoni, il-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà effettivi tal-Programm jiddependu fuq il-kapaċità tal-benefiċjarji u tal-benefiċjarji potenzjali li***

pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm[25].

jiksbu informazzjoni, gwida u appoġġ f'waqthom fil-livell nazzjonali. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jiżgura appoġġ adegwat u sostenibbli għall-funzjonament tad-Desks ta' AgoraEU, inkluż permezz ta' allokazzjonijiet xierqa mill-fergħat rilevanti tal-programm, filwaqt li jitqies l-ambitu tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom. Il-pajjiżi parteċipanti jenħtieġ li jżommu l-flessibbiltà li jiddeterminaw l-aktar arranġamenti organizzattivi u ta' ġestjoni xierqa għall-operat tad-Desks ta' AgoraEU, f'konformità mal-ispeċifiċitajiet nazzjonali, reġjonali u settorjali tagħhom. Id-Desks ta' AgoraEU jenħtieġ li jkollhom rwol partikolari fl-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni minn parteċipanti ġodda fil-Programm, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u organizzazzjonijiet li joperaw fil-livell lokali, inkluż permezz ta' gwida, tagħlim bejn il-pari u t-tixrid ta' prattiki tajba. Jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għat-trawwim tal-kooperazzjoni u l-iskambji transfruntieri fost il-professjonisti u l-organizzazzjonijiet kulturali, kreattivi u tal-media, u jappoġġaw il-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u t-tixrid tar-riżultati tal-Programm fost iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati, filwaqt li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks ***ta' AgoraEU*** jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm[25].

[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-

[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-

Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċji fil-pajjiżi parteċipanti. L-Uffiċċji jenħtieġ li jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.	Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċji fil-pajjiżi parteċipanti. L-Uffiċċji jenħtieġ li jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 656
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks tal-Programm jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm[25].	(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, ***filwaqt li jibni fuq id-Desks tal-Ewropa Kreattiva u tal-MEDIA preċedenti,*** li l-Istati Membri***, inkluż f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali,*** għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri ***u interreġjonali***, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks tal-Programm jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet

tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm[25].

[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċji fil-pajjiżi parteċipanti. L-Uffiċċji jenħtieġ li jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.

[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali***, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali***, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċji fil-pajjiżi parteċipanti. L-Uffiċċji jenħtieġ li jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 657
Chiara Gemma, Marco Squarta, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà	(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà

u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. ***Id-Desks tal-Programm*** jenħtieġ li ***jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm***[25].

u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. ***Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom,*** jenħtieġ li ***d-Desks jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-prijoritajiet kulturali tal-Istati Membri***.

---

[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċji fil-pajjiżi parteċipanti. L-Uffiċċji jenħtieġ li jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.

Or. it

Emenda 658
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Jenħtieġ li jiġi stabbilit djalogu

miftuħ, trasparenti u regolari mal-benefiċjarji tal-Programm, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra permezz ta' Pjattaforma ta' Djalogu AgoraEU. Il-Pjattaforma ta' Djalogu AgoraEU jenħtieġ li tiffaċilita d-diskussjoni u d-djalogu mal-Kummissjoni. Jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki u għad-diskussjoni tal-iżviluppi tal-politika u l-azzjonijiet meħtieġa fl-oqsma u l-fergħat koperti mill-Programm, b'mod partikolari dawk li huma relatati mal-oqsma u l-attivitajiet trażversali u orizzontali. Il-Pjattaforma ta' Djalogu AgoraEU jenħtieġ li ma jkollha l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm, iżda jenħtieġ li tiġi kkonsultata bħala parti mill-evalwazzjoni kwalitattiva tal-programm.

Or. en

Emenda 659
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Il-Programm jenħtieġ li jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fuq bażi eċċezzjonali biss u biss meta jkun fl-interess tal-Unjoni. Il-pajjiżi terzi assoċjati jenħtieġ li jirrispettaw il-valuri u l-prinċipji fundaturi tal-Unjoni u jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess regoli bħall-atturi Ewropej. Jenħtieġ li s-sħubija tiżgura s-sigurtà tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li tkun l-eċċezzjoni, mhux awtomatika, u trid tkun ikkundizzjonata mir-rispett għall-valuri fundaturi tal-Unjoni u s-salvagwardji tas-sigurtà finanzjarja. Il-proposta tal-Kummissjoni ma tillimitax b'mod adegwat l-aċċess ta' pajjiżi terzi għall-finanzjament kulturali tal-UE.

Emenda 660
Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Fl-evalwazzjoni u l-għażla tal-proġetti fl-ambitu tal-Programm, jenħtieġ li tiġi segwita, sa fejn ikun possibbli, distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata. Filwaqt li jiġi ppreżervat bis-sħiħ il-prinċipju tal-eċċellenza, fejn il-proposti jiksbu punteġġ identiku skont il-kriterji ta' evalwazzjoni, jenħtieġ li tingħata prijorità lil proġetti li joriġinaw minn Stati Membri jew reġjuni sottorappreżentati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-UE jeħtiġilha tiżgura li l-benefiċċji tal-baġit tal-UE jkunu aċċessibbli għall-Istati Membri kollha. Il-kunsiderazzjoni tal-bilanċ ġeografiku hija maħsuba biex tappoġġa parteċipazzjoni usa' u distribuzzjoni aktar ekwa tal-opportunitajiet, filwaqt li tippreżerva l-prinċipju tal-eċċellenza. Sottorappreżentanza persistenti tista' timmina l-fiduċja fl-inklużività tal-programmi tal-UE.

Emenda 661
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764[26],	***imħassar***

persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.

---

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj).

Or. fi

Emenda 662
Laurence Farreng, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764[26], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.	(37) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764[26], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti. ***Il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE jridu jitqiesu wkoll, b'mod partikolari fit-tfassil tal-azzjonijiet futuri, li se jippermettu li l-***

objettivi tal-Programm jiġu adattati għal dawn it-territorji fejn meħtieġ.

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj).

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj).

Or. en

Emenda 663
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" teħtieġ ċertu livell ta' reċiproċità u allinjament regolatorju. Għal din ir-raġuni, meta jkunu qed jiġu konklużi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjoni tas-swieq awdjoviżivi tagħhom, il-prossimità tal-oqfsa legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar il-midja awdjoviżiva, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/13/UE, u l-aċċess għall-iskemi tal-appoġġ tagħhom. Dan hu importanti b'mod partikolari fejn jidħlu pajjiżi Ewropej oħrajn, li x-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE li tippromwovi x-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari s-sistema tal-kwoti. Fil-każ speċifiku tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, ir-rekwiżit li jallinjaw il-leġiżlazzjonijiet	***imħassar***

nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE kien diġà inkluż fir-Regolament (UE) 2021/818 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva. Din il-kundizzjoni kienet inċentiv effiċjenti biex iħaffu l-pass tagħhom fl-allinjament ġenerali mal-acquis tal-UE fid-dawl ta' adeżjoni.

(L-appoġġ għandu jkun dirett biss lejn l-Istati Membri.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għandu jkun dirett biss lejn l-Istati Membri.

Emenda 664
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" teħtieġ ***ċertu livell ta'*** reċiproċità u allinjament regolatorju. Għal din ir-raġuni, meta jkunu qed jiġu konklużi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjoni tas-swieq awdjoviżivi tagħhom, il-prossimità tal-oqfsa legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-midja*** awdjoviżiva, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/13/UE, u l-aċċess għall-iskemi tal-appoġġ tagħhom. Dan hu importanti b'mod partikolari fejn jidħlu pajjiżi Ewropej oħrajn, li x-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE li tippromwovi x-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari s-sistema tal-kwoti. Fil-każ speċifiku tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, ir-rekwiżit li jallinjaw il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom mad-Direttiva	(38) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" teħtieġ reċiproċità u allinjament regolatorju. ***Il-pajjiżi terzi jeħtiġilhom jimplimentaw l-azzjonijiet meħtieġa mill-objettiv fuq inizjattiva tagħhom stess.*** Għal din ir-raġuni, meta jkunu qed jiġu konklużi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjoni tas-swieq awdjoviżivi tagħhom, il-prossimità tal-oqfsa legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-media*** awdjoviżiva, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/13/UE, u l-aċċess għall-iskemi tal-appoġġ tagħhom. Dan hu importanti b'mod partikolari fejn jidħlu pajjiżi Ewropej oħrajn, li x-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE li tippromwovi x-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari s-sistema tal-kwoti. Fil-każ speċifiku tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, ir-

2010/13/UE kien diġà inkluż fir-Regolament (UE) 2021/818 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva. Din il-kundizzjoni kienet inċentiv effiċjenti biex iħaffu l-pass tagħhom fl-allinjament ġenerali mal-acquis tal-UE fid-dawl ta' adeżjoni.

rekwiżit li jallinjaw il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE kien diġà inkluż fir-Regolament (UE) 2021/818 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva. Din il-kundizzjoni kienet inċentiv effiċjenti biex iħaffu l-pass tagħhom fl-allinjament ġenerali mal-acquis tal-UE fid-dawl ta' adeżjoni.

Or. fi

Emenda 665
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-objettiv speċifiku "***Awdjoviżiv***" teħtieġ ċertu livell ta' reċiproċità u allinjament regolatorju. Għal din ir-raġuni, meta jkunu qed jiġu konklużi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjoni tas-swieq awdjoviżivi tagħhom, il-prossimità tal-oqfsa legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-midja*** awdjoviżiva, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/13/UE, u l-aċċess għall-iskemi tal-appoġġ tagħhom. Dan hu importanti b'mod partikolari fejn jidħlu pajjiżi Ewropej oħrajn, li x-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE li tippromwovi x-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari s-sistema tal-kwoti. Fil-każ speċifiku tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, ir-rekwiżit li jallinjaw il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE kien diġà inkluż fir-Regolament (UE) 2021/818 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva. Din il-kundizzjoni kienet inċentiv effiċjenti biex iħaffu l-pass tagħhom fl-allinjament	(38) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-objettiv speċifiku "***MEDIA***" teħtieġ ċertu livell ta' reċiproċità u allinjament regolatorju. Għal din ir-raġuni, meta jkunu qed jiġu konklużi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjoni tas-swieq awdjoviżivi tagħhom, il-prossimità tal-oqfsa legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-media*** awdjoviżiva, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/13/UE, u l-aċċess għall-iskemi tal-appoġġ tagħhom. Dan hu importanti b'mod partikolari fejn jidħlu pajjiżi Ewropej oħrajn, li x-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE li tippromwovi x-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari s-sistema tal-kwoti. Fil-każ speċifiku tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali, ir-rekwiżit li jallinjaw il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE kien diġà inkluż fir-Regolament (UE) 2021/818 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva. Din il-kundizzjoni kienet inċentiv effiċjenti biex iħaffu l-pass tagħhom fl-allinjament

ġenerali mal-acquis tal-UE fid-dawl ta' adeżjoni.	ġenerali mal-acquis tal-UE fid-dawl ta' adeżjoni.

Or. en

Emenda 666
Łukasz Kohut

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Il-fergħat Kultura - Ewropa Kreattiva, Kultura - Mużika u Kultura – MEDIA jirrikonoxxu l-valur ekonomiku tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u huma maħsuba biex isaħħu l-kapaċità finanzjarja, il-kompetittività u l-potenzjal ta' investiment tagħhom. Għalhekk, l-appoġġ mogħti permezz ta' dawk il-fergħat jenħtieġ li jkun dirett lejn azzjonijiet u attivitajiet li jiġġeneraw valur miżjud Ewropew. Jenħtieġ li l-finanzjament tal-Unjoni taħt il-linji baġitarji ddedikati għat-tisħiħ tal-impriżi kulturali u kreattivi Ewropej ma jappoġġax azzjonijiet jew attivitajiet li ma għandhomx valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari meta l-profitti ġġenerati minn tali attivitajiet ikunu ta' benefiċċju dirett għall-azzjonisti aħħarin ta' impriżi li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru jew ta' pajjiż li jipparteċipa fil-fergħa rilevanti. Li tali benefiċċji jitħallew jakkumulaw barra mill-pajjiżi parteċipanti jirriskja li jdgħajjef il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriżi Ewropej u jimmina l-kapaċità tal-Unjoni li tilħaq l-objettivi segwiti minn dawk il-fergħat. Il-fergħat Kultura – Ewropa Kreattiva u Kultura – Mużika u Kultura – MEDIA jirrikonoxxu l-valur artistiku, intrinsiku u tas-soċjetà tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej. Dawn għandhom l-intenzjoni li jsaħħu r-reżiljenza demokratika, itejbu l-koeżjoni

soċjali, jagħtu spinta lill-benesseri tan-nies u jappoġġaw il-Kultura bħala espressjoni tal-valuri tal-Ewropa u katalist b'saħħtu għar-reżiljenza tas-soċjetà msejsa fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, il-fehim reċiproku, l-aċċess u l-parteċipazzjoni.

Or. en

Emenda 667
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn l-ilħuq tal-objettivi tiegħu, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

Emenda 668
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Il-kollaborazzjoni transfruntiera xorta jenħtieġ li tiġi mħeġġa, iżda jenħtieġ li ma tkunx kundizzjoni ta' eliġibbiltà universali. Jenħtieġ li proġetti b'benefiċjarju wieħed ikunu possibbli. Minflok, jenħtieġ li dak li jkun meħtieġ ikun kondiviżjoni sinifikattiva tal-għarfien fil-livell Ewropew. Il-proġetti appoġġati jenħtieġ li jiddedikaw riżorsi speċifiċi għat-tixrid, it-tagħlim bejn il-pari, u t-trasferiment ta' tagħlimiet prattiċi bejn il-fruntieri. Il-proġetti transfruntiera xorta jistgħu jirċievu punti addizzjonali jew inċentivi oħra, iżda atturi lokali jew nazzjonali b'saħħithom jenħtieġ li ma jiġux esklużi sempliċement minħabba li ma jaqblux ma' mudell ta' konsorzju.

Or. en

Emenda 669
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Programm jenħtieġ li tinvolvi salvagwardji xierqa meta nuqqasijiet serji relatati mal-istat tad-dritt, frodi, korruzzjoni jew użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni jirriskjaw li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 670
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 38b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38b) L-intensità tal-finanzjament jenħtieġ li tkun għolja kemm jista' jkun fil-biċċa l-kbira tal-flussi ta' appoġġ, speċjalment fejn l-għan huwa li jintlaħqu atturi iżgħar, emerġenti jew finanzjarjament ristretti. Inkella, il-Programm jirriskja li jkun verament aċċessibbli biss għal organizzazzjonijiet akbar b'riżervi u kapaċità ta' kofinanzjament. Jenħtieġ li jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet fuq il-prefinanzjament u l-fluss tal-flus. Anke rati ta' għotjiet ġeneruż huma ta' valur limitat jekk l-organizzazzjonijiet ma jkunux jistgħu jġorru l-kostijiet waqt li jkunu qed jistennew ir-rimborż. L-aħjar għażla tkun prefinanzjament ogħla b'mod sinifikanti. It-tieni l-aħjar għażla tkun mekkaniżmu ddedikat ta' self tranżitorju b'imgħax baxx jew b'imgħax żero marbut ma' proġetti ffinanzjati mill-UE li jirnexxu.

Or. en

Emenda 671
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 38c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38c) Ir-regola li tipprojbixxi l-profitt u t-trattament tal-introjtu ggwadanjat fi proġetti ffinanzjati joħolqu kontradizzjoni: il-Kummissjoni tappella

għas-sostenibbiltà u l-vijabbiltà fit-tul, iżda spiss tippenalizza proġetti li jiġġeneraw dħul matul jew flimkien mal-implimentazzjoni. Fil-prattika, l-introjtu ggwadanjat jista' jiskatta kumplessità amministrattiva u jitnaqqas mill-ammont tal-għotja, u b'hekk jiskoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet milli saħansitra jippruvaw. Is-salvagwardji kontra l-użu ħażin huma leġittimi, iżda r-regoli jenħtieġ li jipprevjenu l-arrikkiment privat mingħajr ma jikkastigaw il-ġenerazzjoni tad-dħul li ssaħħaħ is-sostenibbiltà fuq terminu medju u twil tal-proġetti ta' informazzjoni ta' interess pubbliku.

Or. en

Emenda 672
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 38d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38d) L-appoġġ mogħti permezz tal-fergħat Ewropa Kreattiva - Kultura, u MEDIA+ jenħtieġ li jkun dirett lejn azzjonijiet u attivitajiet li jiġġeneraw valur miżjud Ewropew. Tali valur miżjud Ewropew jista' jinkiseb permezz tad-dimensjoni tranżnazzjonali tal-proġetti appoġġati, l-iskala, l-istruttura ta' sħubija, jew il-kontribuzzjoni tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet, artisti, u professjonisti kulturali Ewropej, li ma setgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Il-finanzjament jenħtieġ li jsaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera, id-diversità kulturali, u l-aċċess għall-parteċipazzjoni fil-kultura, filwaqt li jirrispetta l-valuri demokratiċi li fuqhom hija msejsa l-Unjoni.

Or. en

Emenda 673
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-isfidi, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(39) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-isfidi, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. ***Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-kompetenzi tal-Istati Membri fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, il-media u l-organizzazzjoni ta' proċessi demokratiċi.*** F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-programm AgoraEU jintervjeni f'oqsma fejn, skont it-Trattati, l-Istati Membri jżommu responsabbiltà sinifikanti, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, il-media u l-organizzazzjoni ta' proċessi demokratiċi. Għalhekk huwa xieraq li jiġi kkonfermat b'mod espliċitu li l-implimentazzjoni tal-programm tirrispetta d-diviżjoni tas-setgħat stipulati fit-Trattati, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Emenda 674
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(39a) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma. Hemm bżonn li jiġi żgurat l-għeluq b'mod korrett tal-programmi predeċessuri, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-arranġamenti pluriennali għall-ġestjoni tagħhom, bħall-finanzjament ta' assistenza teknika u amministrattiva. Mill-[1 ta' Jannar 2028], l-assistenza teknika u amministrattiva jenħtieġ li tiżgura, jekk ikun meħtieġ, il-ġestjoni tal-azzjonijiet li jkunu għadhom ma ġewx iffinalizzati fl-ambitu tal-programm predeċessur sal-[31 ta' Diċembru 2027].

Or. en

Emenda 675
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Jiddeplora t-tentattivi biex jiġu introdotti mekkaniżmi komunement imsejħa "kundizzjonalità intelliġenti" li jippermettu r-riallokazzjoni tar-riżorsi oriġinarjament allokati lill-Istati Membri lejn programmi tal-Unjoni ġestiti ċentralment. Tali mekkaniżmi jirriskjaw li jimminaw il-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tal-kooperazzjoni leali, idgħajfu l-kontroll tal-Istati Membri fuq ir-riżorsi allokati lilhom u jinterferixxu mal-għażliet ta' politika sovrana tagħhom.

Or. en

Emenda 676

Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 677
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 678
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha:
	(a) li l-attivitajiet tagħhom, li bosta minnhom għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw innovazzjoni u impjiegi b'mod partikolari mill-propjetà intellettwali:
	i) huma bbażati fuq valuri kulturali u espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet

kreattivi oħra individwali jew kollettivi; u

ii) jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, it-tixrid u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll funzjonijiet relatati bħall-edukazzjoni jew il-ġestjoni;

b) irrispettivament minn:

i) jekk l-attivitajiet ta' dawk is-setturi humiex orjentati lejn is-suq jew mhumiex orjentati lejn is-suq;

ii) it-tip ta' struttura li twettaq dawk l-attivitajiet; u

iii) kif tiġi ffinanzjata dik l-istruttura;

dawk is-setturi jinkludu, fost l-oħrajn, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' artistiċi, l-awdjoviżiv (inklużi ċ-ċinematografija, it-televiżjoni, il-videogames u l-multimedia), il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-festivals, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu, il-pubblikazzjoni (kotba u stampa miktuba), ir-radju u l-arti viżiva.

Or. en

Emenda 679
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha:
	a) li l-attivitajiet tagħhom, li bosta minnhom għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw l-innovazzjoni u l-impjiegi fihom:
	i) huma bbażati fuq valuri kulturali u

espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet kreattivi oħra individwali jew kollettivi; u

ii) jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni, it-tixrid u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll funzjonijiet relatati bħall-edukazzjoni jew il-ġestjoni;

b) irrispettivament minn:

i) jekk l-attivitajiet ta' dawk is-setturi humiex orjentati lejn is-suq jew mhumiex orjentati lejn is-suq;

ii) it-tip ta' struttura li twettaq dawk l-attivitajiet; u

iii) kif hija ffinanzjata dik l-istruttura; dawk is-setturi jinkludu, fost l-oħrajn, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' artistiċi, l-awdjoviżiv (inklużi ċ-ċinematografija, it-televiżjoni, il-videogames u l-multimedia), il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-festivals, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu (inklużi t-teatru, iż-żfin u ċ-ċirklu), il-kotba u l-pubblikazzjoni, ir-radju u l-arti viżiva.

Or. en

Emenda 680
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***"kamra tal-aħbarijiet" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, fuq bażi professjonali, teżerċita responsabbiltà editorjali għall-produzzjoni, l-għażla, u l-organizzazzjoni tal-kontenut, topera f'konformità mal-istandards professjonali etiċi tal-ġurnaliżmu, u li l-attività**

primarja tagħha tikkonsisti fl-għoti lill-pubbliku jew lill-media ta' aħbarijiet u informazzjoni kemm jekk ta' interess ġenerali jew speċjalizzat permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, inklużi servizzi awdjoviżivi, media stampata jew servizzi online u aġenziji tal-istampa;

Or. en

Emenda 681
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"kamra tal-aħbarijiet" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, fuq bażi professjonali, teżerċita responsabbiltà editorjali għall-produzzjoni, l-għażla, u l-organizzazzjoni tal-kontenut, u li l-attività primarja tagħha tikkonsisti fl-għoti lill-pubbliku ta' aħbarijiet u kontenut editorjali ieħor ta' interess ġenerali u speċjali permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, inklużi servizzi awdjoviżivi, media stampata jew servizzi online;

Or. en

Emenda 682
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-sovranità kulturali Ewropea fis-setturi

kulturali, kreattivi u tal-media tirreferi għall-kapaċità tal-Ewropa li tippreżerva u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha tul il-katina tal-valur kollha, li tinkludi l-ħolqien, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u d-disponibbiltà pubblika tax-xogħlijiet u l-kontenut, filwaqt li tiżgura li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jinżammu fl-Ewropa.

Or. en

Emenda 683
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"entità ġuridika" tfisser persuna fiżika jew persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista' teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi meta tagixxi f'isimha stess, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 197(2) tar-Regolamenti Finanzjarji;

Or. en

Emenda 684
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

"setturi u industriji kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi u l-industriji kollha:

(a) li l-attivitajiet tagħhom, li bosta minnhom għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw innovazzjoni u impjiegi mill-propjetà intellettwali:
(i) huma bbażati fuq valuri kulturali u espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet umani kreattivi oħra individwali jew kollettivi; u
(ii) jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, it-tixrid u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll funzjonijiet relatati bħall-edukazzjoni jew il-ġestjoni;

(b) irrispettivament minn:
(i) jekk l-attivitajiet ta' dawk is-setturi humiex orjentati lejn is-suq jew mhumiex orjentati lejn is-suq;
(ii) it-tip ta' struttura li twettaq dawk l-attivitajiet; u
(iii) kif tiġi ffinanzjata dik l-istruttura;

dawk is-setturi u l-industriji jinkludu, fost l-oħrajn, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' artistiċi, l-awdjoviżiv (inklużi ċ-ċinematografija, it-televiżjoni, il-videogames u l-multimedia), il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu (inklużi t-teatru u ż-żfin), il-kotba u l-pubblikazzjoni, ir-radju, il-podcasts, il-festivals, il-fotografija, l-arti immersiva u l-arti viżiva;

Or. en

Emenda 685
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"kamra tal-aħbarijiet" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, fuq bażi professjonali, teżerċita responsabbiltà editorjali għall-produzzjoni, l-għażla, u l-organizzazzjoni tal-kontenut, u li l-attività primarja tagħha tikkonsisti fl-għoti lill-pubbliku ta' aħbarijiet, kontenut editorjali u informazzjoni, kemm jekk ta' interess ġenerali jew speċjalizzat, permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, inklużi servizzi awdjoviżivi, media stampata jew servizzi online;

Or. en

Emenda 686
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"setturi kulturali u kreattivi": is-setturi kollha li l-attivitajiet tagħhom huma bbażati fuq valuri kulturali u espressjonijiet artistiċi u kreattivi, li jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, it-tixrid, u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi kulturali, artistiċi u kreattivi, li ħafna minnhom huma kapaċi wkoll jiġġeneraw l-innovazzjoni u l-impjiegi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni toħloq inċertezza legali billi ma tiddefinix "setturi kulturali u kreattivi" fl-artikoli operattivi (definizzjonijiet tal-Artikolu 2). Din l-emenda tintroduċi definizzjoni bbażata fuq valuri kulturali u espressjonijiet artistiċi u kreattivi, li tkopri l-iżvilupp, il-ħolqien, it-tixrid u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi.

Emenda 687

Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"reżiljenza tas-soċjetà" tfisser il-kapaċità tal-istituzzjonijiet demokratiċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-komunitajiet u tal-individwi li jiddefendu d-drittijiet fundamentali, il-paċi, il-koeżjoni soċjali, il-parteċipazzjoni demokratika, il-pluraliżmu tal-media u l-istat tad-dritt fid-dawl tal-isfidi interni u esterni.

Or. en

Emenda 688
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili" tfisser organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, indipendenti minn kwalunkwe gvern jew partit politiku, li topera b'mod trasparenti u tippubblika l-baġits u s-sorsi ta' finanzjament tagħha.

Or. it

Emenda 689
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"benefiċjarju finali": kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li tirċievi finanzjament direttament jew indirettament taħt il-programm, inkluż permezz ta' benefiċjarju prinċipali jew parti terza ridistributriċi.

Or. fr

Emenda 690
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"sottobenefiċjarju": kwalunkwe entità li tirċievi parti mill-fondi tal-programm permezz ta' ridistribuzzjoni, sottogħotja jew ftehim konkluż ma' benefiċjarju prinċipali.

Or. fr

Emenda 691
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"drittijiet ta' proprjetà intellettwali": protezzjonijiet legali mogħtija fuq il-kreazzjonijiet tal-moħħ tal-bniedem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr definizzjoni, hemm riskju ta' interpretazzjonijiet diverġenti fl-atti ta' implimentazzjoni.

Emenda 692
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"Kumpanija Ewropea tal-produzzjoni awdjoviżiva": produttur awdjoviżiv, inkluż kumpaniji ta' produzzjoni indipendenti, li huwa stabbilit fi Stat Membru, li l-maġġoranza tiegħu huwa proprjetà tal-UE u kkontrollat b'mod effettiv minnha, li għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fl-Unjoni, li jħallas it-taxxi fl-Unjoni, u li jżomm preżenza ekonomika sostantiva u kontinwa (inkluż l-impjiegi) fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr ma jiddefinixxi x'jikkostitwixxi "kumpanija Ewropea tal-produzzjoni awdjoviżiva", ir-rekwiżit ma għandu l-ebda effett legali.

Emenda 693
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***iżid il-kompetittività tas-setturi*** kulturali u kreattivi***, b'mod partikolari l-industriji tal-midja u***	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***isaħħaħ is-setturi*** kulturali u kreattivi ***kollha biex*** jissalvagwardja l-libertà ***u l-indipendenza***

awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà ***artistika u tal-midja***, u jħares u jippromwovi ***l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet*** u l-valuri kif minquxa fit-Trattati ***u*** fil-Karta***, u b'hekk isaħħaħ*** il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

artistiċi, isaħħaħ is-settur tal-aħbarijiet, jissalvagwardja l-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media, jiżgura responsabbiltà demokratika fil-ġurnaliżmu indipendenti, jipproteġi lill-ġurnalisti, javvanza l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ b'appoġġ ta' dawn l-objettivi, u jħares u jippromwovi ***d-drittijiet*** u l-valuri kif minquxa fit-Trattati***,*** fil-Karta ***u fit-trattati u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, iċ-ċittadinanza attiva,*** il-parteċipazzjoni demokratika***, l-inklużjoni soċjali u d-diversità*** u r-reżiljenza tas-soċjetà. ***Dawk l-objettivi għandhom jiġu segwiti b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-organizzazzjonijiet kulturali u l-kmamar tal-aħbarijiet u partijiet ikkonċernati oħra attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali, sabiex jiġu sostnuti u żviluppati aktar soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt, id-diversità kulturali u l-libertà tal-media.***

Or. en

Emenda 694
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***iżid il-kompetittività tas-setturi*** kulturali u kreattivi, b'mod partikolari ***l-industriji tal-midja u awdjoviżivi***, jissalvagwardja l-libertà	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***isaħħaħ is-setturi*** kulturali u kreattivi, b'mod partikolari ***s-setturi taċ-ċinematografija, tal-awdjoviżiv, tal-mużika u tal-kotba***, jissalvagwardja l-

artistika ***u tal-midja***, u jħares u jippromwovi ***l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet*** u l-valuri kif minquxa fit-Trattati ***u*** fil-Karta***, u b'hekk isaħħaħ*** il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

libertà ***u l-indipendenza*** artistika***, isaħħaħ is-settur tal-aħbarijiet, jissalvagwardja l-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media, jiżgura r-responsabbiltà demokratika permezz tal-ġurnaliżmu indipendenti***, u jħares u jippromwovi ***d-drittijiet*** u l-valuri kif minquxa fit-Trattati***,*** fil-Karta ***u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, iċ-ċittadinanza attiva,*** il-parteċipazzjoni demokratika***, l-inklużjoni soċjali u d-diversità*** u r-reżiljenza tas-soċjetà. ***Dawk l-objettivi għandhom jiġu segwiti b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-organizzazzjonijiet kulturali u l-kmamar tal-aħbarijiet u partijiet ikkonċernati oħra attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali, sabiex jiġu sostnuti u żviluppati aktar soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt, id-diversità kulturali u l-pluraliżmu tal-media.***

Or. en

Emenda 695
Marcos Ros Sempere

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***iżid il-kompetittività tas-setturi*** kulturali u kreattivi, b'mod partikolari ***l-industriji tal-midja u awdjoviżivi***, jissalvagwardja l-libertà ***artistika u tal-midja***, u jħares u jippromwovi ***l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet*** u l-valuri kif minquxa	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***isaħħaħ is-setturi*** kulturali u kreattivi ***u l-kompetittività tagħhom***, b'mod partikolari ***s-setturi taċ-ċinematografija, tal-awdjoviżiv, tal-mużika u tal-kotba***, jissalvagwardja l-libertà ***u l-indipendenza artistiċi, isaħħaħ is-settur tal-aħbarijiet, jissalvagwardja l-***

fit-Trattati ***u*** fil-Karta***, u b'hekk isaħħaħ*** il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media, u jħares u jippromwovi ***d-drittijiet*** u l-valuri kif minquxa fit-Trattati***,*** fil-Karta ***u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, iċ-ċittadinanza attiva,*** il-parteċipazzjoni demokratika***, l-inklużjoni soċjali u d-diversità*** u r-reżiljenza tas-soċjetà. ***Dawk l-objettivi għandhom jiġu segwiti b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-organizzazzjonijiet kulturali u l-kmamar tal-aħbarijiet u partijiet ikkonċernati oħra attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali, sabiex jiġu sostnuti u żviluppati aktar soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt, id-diversità kulturali u l-pluraliżmu tal-media.***

Or. en

Emenda 696
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***iżid il-kompetittività tas-setturi*** kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà ***artistika u tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***isaħħaħ is-setturi*** kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà ***u l-indipendenza artistiċi, isaħħaħ is-settur tal-aħbarijiet, jissalvagwardja l-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza

tas-soċjetà. ***Dawk l-objettivi għandhom jiġu segwiti b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-organizzazzjonijiet kulturali u l-kmamar tal-aħbarijiet u partijiet ikkonċernati oħra attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali, sabiex jiġu sostnuti u żviluppati aktar soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt, id-diversità kulturali u l-pluraliżmu tal-media.***

Or. en

Emenda 697
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà. ***Fit-twettiq ta' dawn l-objettivi, il-Programm għandu jiffoka fuq oqsma fejn l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tiġġenera valur miżjud Ewropew ċar, b'mod partikolari billi jindirizza l-isfidi tranżnazzjonali, irawwem il-kooperazzjoni transfruntiera u jikseb eżiti li l-Istati Membri ma setgħux jiksbu b'mod daqshekk effettiv waħedhom.***

Or. en

Emenda 698
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà. ***Il-Programm għandu jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-diversità tal-oqfsa kostituzzjonali tal-Istati Membri u ma għandux ifittex li jimponi standards uniformi f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva jew primarja tal-Istati Membri.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 4(2) tat-TUE jobbliga lill-Unjoni tirrispetta l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri, li huma inerenti fl-istrutturi kostituzzjonali fundamentali tagħhom. Il-politika kulturali hija primarjament kompetenza nazzjonali (l-Artikolu 167 tat-TFUE juża "miżuri ta' inċentiv"). Din l-emenda tiżgura li l-klawżola tal-objettiv ġenerali tinqara b'mod konsistenti mal-allokazzjoni tal-kompetenzi tat-Trattat u tipprevjeni li l-programm jintuża bħala mezz għall-armonizzazzjoni tal-politika kulturali jew soċjali lil hinn minn dak li jawtorizzaw il-bażijiet legali.

Emenda 699
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u ***b'hekk isaħħaħ*** il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, ***jipproteġi u jespandi l-ispazju ċiviku madwar l-Unjoni,*** u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u ***fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, iċ-ċittadinanza attiva,*** il-parteċipazzjoni demokratika***, l-inklużjoni soċjali u d-diversità*** u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Emenda 700
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari ***l-industriji tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja ***l-libertà*** artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li ***jissalvagwardja, jiżviluppa u*** jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi***, inklużi x-xogħlijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet tas-setturi fl-Istati Membri kollha u fis-swieq domestiċi rispettivi***, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari ***s-setturi tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja ***u jsaħħaħ il-libertà*** artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-

reżiljenza tas-soċjetà ***fl-Unjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżid il-klawżola ta' salvagwardja kostituzzjonali mal-objettivi ġenerali tal-programm. L-Artikolu 4(2) tat-TUE jobbliga lill-Unjoni tirrispetta l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri inerenti fl-istrutturi kostituzzjonali fundamentali tagħhom. L-Artikolu 167 tat-TFUE jillimita l-azzjoni kulturali tal-Unjoni għal miżuri ta' inċentiv, li jeskludu b'mod espliċitu l-armonizzazzjoni. L-emenda tagħmilha espliċita li l-programm ma għandux ifittex standards uniformi f'oqsma ta' kompetenza nazzjonali jew primarja tal-Istat Membru.

Emenda 701
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika ***u tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà ***tal-media*** artistika***, il-pluraliżmu tal-media, il-libertà tal-istampa***, u jħares u jippromwovi ***n-nondiskriminazzjoni,*** l-ugwaljanza***, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri***, iċ-ċittadinanza attiva***, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-involviment fil-ħajja demokratika***, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Emenda 702

Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Mathilde Androuët, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà***.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika***, il-libertà*** u ***l-pluraliżmu tal-media***.

Or. fr

Emenda 703
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u ***jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni*** demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi***, inkluż il-wirt kulturali nazzjonali, reġjonali, lokali u reliġjuż***, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u ***jappoġġa l-parteċipazzjoni*** demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà ***f'konformità mat-Trattati u l-Karta, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri, l-identitajiet nazzjonali, it-tradizzjonijiet kostituzzjonali u s-sovranità kulturali tagħhom***.

Or. en

Emenda 704
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li ***jsaħħaħ u*** jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi ***u l-industriji*** kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi ***l-aċċess għall-kultura,*** l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà***, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sovranità kulturali Ewropea***.

Or. en

Emenda 705
Annamária Vicsek, András László

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi***, inkluża l-identità unika tal-minoranzi nazzjonali u etniċi storiċi u indiġeni***, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà

attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Emenda 706
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***iżid*** il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li ***jissalvagwadja, jiżviluppa u*** jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, ***isaħħaħ*** il-kompetittività ***u l-innovazzjoni reżiljenti*** tas-setturi kulturali u kreattivi ***kollha***, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja ***u jippromwovi*** l-libertà artistika***, tal-media*** u ***l-pluraliżmu tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Emenda 707
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Laurence Farreng, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dainius Žalimas, Hilde Vautmans, Bernard Guetta, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, ***il-fehim reċiproku, id-depolarizzazzjoni,*** id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Emenda 708
Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità ***u l-wirt*** kulturali u ***lingwistiċi***, ***iżid il-kompetittività*** tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità kulturali u ***lingwistika u l-wirt kulturali tanġibbli jew intanġibbli***, ***isaħħaħ ir-reżiljenza*** tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta nitkellmu dwar ben pubbliku bħas-settur kulturali jeħtieġ li naħsbu f'termini tat-tisħiħ ta' dan is-settur biex inwettqu l-valur miżjud tiegħu lil hinn mill-valur ekonomiku. L-objettiv tiegħu mhuwiex biss li nikkompetu, iżda pjuttost li noħolqu u ntejbu l-ħajja tal-Ewropej. L-

enfasi għandha tkun kemm fuq il-wirt kulturali tanġibbli kif ukoll fuq dak intanġibbli tal-Ewropa, bħall-festa jew il-karnival ta' Malta.

Emenda 709
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li ***jissalvagwardja, jippreżerva u*** jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. it

Emenda 710
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi ***Ewropej***, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-

parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. fi

Emenda 711
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, ***b'mod partikolari*** l-industriji ***tal-midja u*** awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika ***u tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi ***kollha***, ***inklużi*** l-industriji awdjoviżivi, ***is-setturi tal-mużika, tal-kotba u tal-arti tal-ispettaklu,*** jissalvagwardja l-libertà artistika, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Emenda 712
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, ***inkluża l-***

attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. sk

Emenda 713
Esteban González Pons, Francisco José Millán Mon, Hélder Sousa Silva

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-midja*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-midja***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li ***jippreżerva u*** jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji ***tal-media*** u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u ***tal-media***, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.

Or. en

Emenda 714
Marcos Ros Sempere

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) "kumpanija ta' produzzjoni awdjoviżiva Ewropea indipendenti" tfisser kumpanija li mhijiex, direttament jew indirettament, ikkontrollata b'maġġoranza minn fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva; il-kontroll

b'maġġoranza jitqies li jseħħ meta aktar minn 25 % tal-kapital azzjonarju ta' kumpanija tal-produzzjoni jkun miżmum minn fornitur wieħed ta' servizzi tal-media awdjoviżiva jew 50 % meta diversi fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva jkollhom ishma jew mezzi oħra ta' kontroll fil-kumpanija; kumpanija tal-produzzjoni awdjoviżiva hija kumpanija li l-objettiv u l-attività prinċipali tagħha huma l-produzzjoni awdjoviżiva. Hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq u l-operaturi awdjoviżivi jkomplu jevolvu, il-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17 għandhom jistabbilixxu u jirrevedu b'mod regolari l-kriterji speċifiċi għall-applikazzjoni ta' din id-definizzjoni, filwaqt li jitqiesu d-daqs u l-istruttura tas-swieq awdjoviżivi nazzjonali fil-pajjiżi parteċipanti kollha.

Or. en

Emenda 715
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Programm għandu jappoġġa approċċ ikkoordinat u fit-tul għall-innovazzjoni fis-setturi kulturali, tal-media u ċiviċi kollha, li jiffaċilita l-iżvilupp, l-ittestjar, l-implimentazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji u servizzi fdati li jikkontribwixxu għall-pluraliżmu tal-media, l-aċċessibbiltà, il-kooperazzjoni transfruntiera u r-reżiljenza demokratika.

Or. en

Emenda 716

Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi ***għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali,*** ekonomiċi ***u internazzjonali*** tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi ***għad-dimensjonijiet*** ekonomiċi tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");

Or. fi

Emenda 717
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura") ***b'mod partikolari x-xogħlijiet li jikkontribwixxu għat-trażmissjoni tal-kulturi nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri.*** ;

Or. fr

Emenda 718
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, ***u*** għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali ***u artistika***, il-kooperazzjoni, ***il-mobbiltà,*** il-parteċipazzjoni***, l-aċċess*** u l-aċċessibbiltà transfruntieri ***għall-kultura, u jsaħħaħhom***, ***kif ukoll*** għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' ***firxa ta'*** diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ***u jappoġġa l-entitajiet tagħhom ta' kull daqs*** ("kultura");

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-ispeċifiċitajiet tas-swieq domestiċi tal-Istati Membri hija ankra tas-sussidjarjetà li tipprevjeni li l-objettivi jinqraw bħala mandat għall-armonizzazzjoni kulturali.

Emenda 719
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali***, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura")***;	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali;

Or. en

Emenda 720
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi***, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tan-nondiskriminazzjoni u tal-ugwaljanza,*** u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");

Or. en

Emenda 721
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, ***l-edukazzjoni,*** il-parteċipazzjoni***, il-mobbiltà,*** u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali ***u l-aċċess għalihom***, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");

Or. en

Emenda 722
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni***, il-mobbiltà***, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali ***u tal-wirt kulturali***, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");

Or. it

Emenda 723
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali***, il-kooperazzjoni***, il-parteċipazzjoni ***u*** l-aċċessibbiltà transfruntieri, u ***għaċ-ċirkolazzjoni*** transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali ***u artistika u l-kooperazzjoni, il-mobbiltà***, il-parteċipazzjoni***,*** l-aċċessibbiltà transfruntieri, u ***jrawwimhom, kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni*** transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");

Or. en

Emenda 724
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà ***transfruntieri***, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("***kultura***");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ***mhux koperti skont l-Artikolu 3(2)(b)*** ("***approċċ orizzontali tal-kultura***");

Or. en

Emenda 725
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà ***transfruntieri***, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("***kultura***");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, ***inkluża l-arti tal-ispettaklu Ewropea,*** filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("***setturi kulturali***");

Or. en

Emenda 726
Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà

transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet ***u attivitajiet*** kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom ikunu eliġibbli fl-objettiv kulturali tal-Programm mhux biss ix-xogħlijiet kulturali, iżda wkoll l-attivitajiet kulturali.

Emenda 727
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, ***u għaċ-ċirkolazzjoni*** transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni***, l-aċċess*** u l-aċċessibbiltà transfruntieri, ***kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni*** transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");

Or. en

Emenda 728
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ia. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali, is-sostenibbiltà u t-tkabbir ibbilanċjat tas-settur tal-mużika, b'mod

partikolari billi jsaħħaħ il-ħolqien, il-promozzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet mużikali Ewropej u jindirizza l-iżbilanċi strutturali fl-ekosistema tal-mużika Ewropea tul il-katina tal-valur kollha tagħha;

Or. en

Emenda 729
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ia. jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà u t-tkabbir bilanċjat ta' setturi kulturali u kreattivi speċifiċi mhux koperti skont l-Artikolu 3(2)(b) permezz ta' approċċi settorjali biex jirrispondi għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom ("approċċ settorjali tal-kultura")

Or. en

Emenda 730
Esteban González Pons, Francisco José Millán Mon, Hélder Sousa Silva

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ia. jikkontribwixxi għall-preżervazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali Ewropew;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jsemmi l-promozzjoni tal-wirt kulturali bħala l-ewwel objettiv ġenerali. Għall-konsistenza, dan l-objettiv irid jiġi rifless ukoll fost l-objettivi

speċifiċi. Dan huwa konsistenti wkoll mal-premessi u l-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni.

Emenda 731
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ib. ia. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u lingwistika u r-reżiljenza tal-ekosistema Ewropea tal-kotba, b'mod partikolari billi jrawwem il-ħolqien letterarju, it-traduzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej fil-formati kollha

Or. en

Emenda 732
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-fergħa "Media tal-Aħbarijiet u Ġurnaliżmu" għandha:
	(a) tikkontribwixxi għas-salvagwardja u t-trawwim ta' ekosistema tal-informazzjoni tal-Unjoni ħielsa, pluralistika, vijabbli u diversa, b'mod partikolari billi tappoġġa ġurnaliżmu ħieles u indipendenti, media tal-aħbarijiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-media, ġurnaliżmu lokali u reġjonali, sikurezza tal-ġurnalisti, inkluż għal dawk fl-eżilju, ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli u tindirizza d-diżinformazzjoni ("Ekosistema Demokratika tal-

Aħbarijiet");

(b) tikkontribwixxi għal industrija awdjoviżiva inklużiva billi tiżgura l-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà u ta' gruppi emarġinati oħra ("industrija inklużiva")

Or. en

Emenda 733
Łukasz Kohut

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-fergħa "Kultura - Mużika" għandha tappoġġa d-diversità kulturali, is-sostenibbiltà u t-tkabbir ibbilanċjat tas-settur tal-mużika, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-ħolqien, il-promozzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet mużikali Ewropej u tindirizza l-iżbilanċi strutturali fl-ekosistema tal-mużika Ewropea.

Or. en

Emenda 734
Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi ***jtejjeb*** il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni ***transfruntieri*** tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali ***u lingwistika,*** u l-kompetittività ***tas-setturi u*** tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi ***jiżgura kundizzjonijiet ekwi, itejjeb*** il-kreazzjoni***, il-promozzjoni*** u d-distribuzzjoni ***transfruntiera*** tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu ***għalih*** miċ-ċittadini***, billi jqis***

id-differenzi bejn l-Istati Membri rigward il-produzzjoni awdjoviżiva, id-distribuzzjoni, u l-konsum ta' xogħlijiet u kontenut awdjoviżivi, u l-aċċess għalih, billi jwessa' l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi ("Awdjoviżiv");

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' kundizzjonijiet ekwi huwa essenzjali, biex jiġi żgurat li l-fergħa MEDIA+ ma ssaħħaħx biss il-vantaġġi eżistenti li għandhom il-pajjiżi produtturi awdjoviżivi ewlenin. Din id-dispożizzjoni kienet preżenti f'Ewropa Kreattiva 2021-2027 u għandha terġa' tiddaħħal fil-programm suċċessur.

Emenda 735
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi ***għad-diversità kulturali u l-kompetittività*** tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames***, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini*** ("Awdjoviżiv");	i. jikkontribwixxi ***għall-kompetittività*** tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames ("Awdjoviżiv");

Or. fi

Emenda 736
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u ***l-kompetittività*** tal-industriji	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u ***lingwistika, il-kompetittività u***

awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni ***transfruntieri*** tal-kontenut ***Ewropew*** u ***l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini*** ("***Awdjoviżiv***");	***r-reżiljenza*** tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames ***Ewropej***, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni***, il-produzzjoni, il-kooperazzjoni, il-mobbiltà, l-iskalabbiltà, iċ-ċirkolazzjoni, il-promozzjoni*** u d-distribuzzjoni ***transfruntiera tax-xogħlijiet u*** tal-kontenut ***Ewropej*** u ***l-aċċessibbiltà tagħhom għaċ-ċittadini*** (***fergħa sekondarja*** "***Media***");

Or. en

Emenda 737
Peter Agius, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali ***u l-kompetittività*** tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali***, il-kompetittività, u t-tkabbir ekonomiku*** tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv") ***u billi jappoġġa l-espansjoni tal-kumpaniji awdjoviżivi ta' daqs żgħir u medju***;

Or. en

Emenda 738
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali ***u lingwistika*** u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames,

partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri ***tal-kontenut*** Ewropew u l-aċċess ***tiegħu*** miċ-ċittadini ***("Awdjoviżiv")***;	b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni ***u l-promozzjoni*** transfruntieri ***tax-xogħol awdjoviżiv*** Ewropew u l-aċċess ***għalih*** miċ-ċittadini***, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' appoġġ għall-udjenza***;

Or. en

Emenda 739
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni ***mill-kontributuri kollha fil-katina tal-valur*** u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");

Or. en

Emenda 740
Łukasz Kohut, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali ***u lingwistika*** u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");

Or. en

Emenda 741
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali ***u lingwistika*** u l-kompetittività tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess tiegħu miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");

Or. en

Emenda 742
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività ***tal-industriji*** awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri tal-kontenut Ewropew u l-aċċess ***tiegħu*** miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività ***tas-setturi*** awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri ***tax-xogħlijiet u*** tal-kontenut Ewropew u l-aċċess ***tagħhom*** miċ-ċittadini ("Awdjoviżiv");

Or. it

Emenda 743
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività ***tal-industriji*** awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni transfruntieri ***tal-kontenut Ewropew*** u l-aċċess ***tiegħu miċ-ċittadini*** ("***Awdjoviżiv***");	i. jikkontribwixxi għad-diversità kulturali u l-kompetittività ***tas-setturi*** awdjoviżivi u tal-videogames, b'mod partikolari billi jtejjeb il-kreazzjoni u d-distribuzzjoni ***u ċ-ċirkolazzjoni*** transfruntieri ***ta' xogħlijiet Ewropej*** u l-aċċess ***għalihom*** ("***MEDIA***");

Or. en

Emenda 744
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ia. jappoġġa u jikkontribwixxi għall-indipendenza artistika u editorjali u jrawwem l-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fil-biċċa l-kbira indipendenti;

Or. en

Emenda 745
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet") ***inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' innovazzjoni fdata, it-tisħiħ tal-għodod***

u l-infrastrutturi li jappoġġaw il-ġurnaliżmu u r-riċerka indipendenti, il-promozzjoni tal-integrità tal-aħbarijiet, u inizjattivi mmirati lejn it-tnaqqis tal-asimetriji fl-informazzjoni u fl-għarfien u t-trawwim ta' involviment pubbliku sinifikattiv mal-media;

Or. en

Emenda 746
Irena Joveva, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu ***u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa*** u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, ***u*** jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli***, editorjalment indipendenti,*** u diversa tal-Unjoni ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)***, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu ***ħieles*** u ***editorjalment*** indipendenti ***u l-fornituri tas-servizzi tal-media li jipprovdu aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti bil-ħsieb li jiggarantixxu l-indipendenza tad-deċiżjonijiet editorjali***, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, jindirizza d-diżinformazzjoni***, u jissalvagwardja l-pluraliżmu tal-media kontra l-approprjazzjoni tal-media*** ("aħbarijiet");

Or. en

Emenda 747
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli ***u*** diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa ***l-ġurnaliżmu*** u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ***itejjeb*** l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, ***u jindirizza d-diżinformazzjoni*** ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli***, pluralistika,*** diversa ***u reżiljenti ta' interess pubbliku*** tal-Unjoni, b'mod partikolari billi ***jrawwem il-litteriżmu fil-media,*** jappoġġa ***l-libertà tal-media, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-ġurnaliżmu*** u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ***jindirizza d-diżinformazzjoni u jtejjeb*** l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, ***inkluż fil-livell lokali u reġjonali*** ("aħbarijiet");

Or. en

Emenda 748
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ("***aħbarijiet***");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli***, pluralistika*** u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa ***u jipproteġi*** l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti***, il-ġurnaliżmu lokali u reġjonali***, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni ***ta' fiduċja u*** affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ***u jrawwem il-litteriżmu fil-media*** (***subfergħa*** "***Media tal-Aħbarijiet***");

Or. en

Emenda 749
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, ***u*** jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli***, pluralistika*** u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa ***u jipproteġi*** l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ***inkluża l-media tas-servizz pubbliku,*** itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli ***u ta' fiduċja***, jindirizza d-diżinformazzjoni ***u jrawwem il-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku*** ("aħbarijiet");

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pluraliżmu tal-kmamar - mhux biss il-libertà tal-kmamar individwali - huwa l-istandard korrett għal ambjent tal-media b'saħħtu.

Emenda 750
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza ***d-diżinformazzjoni*** ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni ***li tqis fehmiet politiċi differenti***, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza ***l-influwenza ta' pajjiżi terzi ostili*** ("aħbarijiet");

Or. fi

Emenda 751
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni***, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar*** tal-aħbarijiet ***ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni (“aħbarijiet”)***;	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni ***bl-eċċezzjoni tal-finanzjament tal-kmamar*** tal-aħbarijiet;

Or. en

Emenda 752
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni (“aħbarijiet”);	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ***filwaqt li jirrispetta l-libertà tal-espressjoni u l-pluralità tal-opinjonijiet*** (“aħbarijiet”);

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri kontra d-diżinformazzjoni għandhom jiġu implimentati b'mod li ma jillimitax il-libertà tal-espressjoni jew il-pluraliżmu tad-dibattitu pubbliku. Iż-żieda tirreferi b'mod espliċitu għad-drittijiet fundamentali eżistenti protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Emenda 753
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi ***għal ekosistema*** tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u ***diversa tal-Unjoni***, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ***itejjeb*** l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli***, u jindirizza d-diżinformazzjoni*** ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi ***għas-salvagwardja u t-trawwim ta' ekosistemi*** tal-informazzjoni ħielsa***, pluralistiċi***, vijabbli u ***diversi***, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ***u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-media li jtejbu*** l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli ("aħbarijiet");

Or. en

Emenda 754
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ***u jrawwem il-litteriżmu fil-media*** ("aħbarijiet");

Or. it

Emenda 755
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu ***u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u*** indipendenti***, itejjeb*** l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, ***pluralistika,*** vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu ***ħieles,*** indipendenti ***u investigattiv li jtejjeb*** l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet");

Or. en

Emenda 756
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli ***u*** diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u ***jindirizza d-diżinformazzjoni*** ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, ***indipendenti,*** vijabbli***,*** diversa ***u pluralista*** tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u ***jeżenta kwalunkwe manipulazzjoni*** ("aħbarijiet");

Or. fr

Emenda 757
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iia. jeskludi l-finanzjament ta' strutturi mmirati lejn l-impożizzjoni ta' kontroll politiku fuq il-media tradizzjonali u l-pjattaformi online bħal sinjalaturi fdati jew verifikaturi tal-fatti;

Or. fr

Emenda 758
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt iib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iib. jeskludi l-ħolqien jew il-finanzjament ta' kwalunkwe aġenzija Ewropea ġdida jew struttura parastatali bl-għan li jiġi eżerċitat kontroll fuq il-media u l-pjattaformi online;

Or. fr

Emenda 759
Michał Wawrykiewicz

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-fergħa "Informazzjoni u Ġurnaliżmu" għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja u t-trawwim ta' ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, pluralistika, vijabbli, reżiljenti u diversa fl-Unjoni billi tappoġġa:
	(i) il-ġurnaliżmu indipendenti u l-kmamar tal-aħbarijiet, b'mod partikolari dawk li jipprovdu ġurnaliżmu ta' interess pubbliku, investigattiv, lokali u transfruntier;
	(ii) l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jwettqu funzjonijiet kritiċi għall-integrità tal-ekosistema tal-informazzjoni li huma distinti mill-ġurnaliżmu, iżda komplementari għalih, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jispeċjalizzaw fid-drittijiet diġitali, l-entitajiet tal-verifika tal-fatti, l-esperti tal-governanza tal-internet, il-korpi tal-

obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi, inklużi dawk iffokati fuq l-identifikazzjoni u t-tfixkil tad-diżinformazzjoni, u r-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet tar-riċerka li jiġġieldu kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin;

(iii) il-kooperazzjoni transsettorjali bejn l-organizzazzjonijiet imsemmija fil-punti (i) u (i), inklużi inizjattivi konġunti dwar il-monitoraġġ tad-diżinformazzjoni, l-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi, il-litteriżmu fil-media, u r-reżiljenza tal-ekosistema tal-informazzjoni; u billi ttejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, filwaqt li tindirizza d-diżinformazzjoni fil-forom kollha tagħha, u tippromwovi l-litteriżmu diġitali u fil-media ("Ekosistema Demokratika tal-Aħbarijiet");

Or. en

Emenda 760
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-fergħa "Informazzjoni u Ġurnaliżmu" għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja u t-trawwim ta' ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, pluralistika, vijabbli, reżiljenti, sostenibbli u diversa fl-Unjoni, b'mod partikolari billi tappoġġa l-ġurnaliżmu indipendenti, il-ġurnaliżmu lokali u reġjonali, il-kmamar tal-aħbarijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ittejjeb l-aċċess għal informazzjoni affidabbli, tindirizza d-diżinformazzjoni u tippromwovi l-litteriżmu diġitali u fil-media ("Ekosistema Demokratika tal-Aħbarijiet");

Or. en

Emenda 761
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-fergħa "Informazzjoni u Ġurnaliżmu" għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja u t-trawwim ta' ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, pluralistika, vijabbli, reżiljenti u diversa fl-Unjoni, b'mod partikolari billi tappoġġa l-ġurnaliżmu indipendenti, il-kmamar tal-aħbarijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ittejjeb l-aċċess għal informazzjoni indipendenti u affidabbli, tindirizza d-diżinformazzjoni u tippromwovi l-litteriżmu diġitali u fil-media ("Ekosistema Demokratika tal-Aħbarijiet");

Or. en

Emenda 762
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-fergħa "Aħbarijiet u ġurnaliżmu" għandha:
	i. tikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, u tindirizza d-diżinformazzjoni

	u tippromwovi l-litteriżmu diġitali u fil-media;

Or. en

Emenda 763
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2– punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-fergħa CERV+ (Demokrazija, Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri) ***għandha:***	(c) il-fergħa CERV+ (Demokrazija, Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri)

Or. en

Emenda 764
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Mathilde Androuët, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) il-fergħa CERV+ (***Demokrazija,*** Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri) għandha:	c) il-fergħa CERV+ (Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri) għandha:

Or. fr

Emenda 765
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom ***il-moviment*** liberu ***taċ-ċittadini***, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili");	i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, ***inklużi*** l-ugwaljanza***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati***, fil-Karta u fit-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem,*** fosthom ***id-dritt għall-moviment*** liberu***, kif ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' spazju ċiviku vibranti, reżiljenti, inklużiv u demokratiku li jissalvagwardja u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE kemm online kif ukoll offline***, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili***, kif ukoll tavvanza l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri*** ("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili");

Or. en

Emenda 766
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, ***u*** tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili");	i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni***, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali***, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati ***u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,*** fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, ***ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja,*** tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ***u għall-avvanz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni*** ("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili");

Or. en

Emenda 767
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni***, id-drittijiet*** taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili");	i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni ***għar-raġunijiet minquxa fl-Artikolu 19 tat-TFUE u fl-Artikolu 21 tal-Karta, u d-drittijiet*** taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ***fl-oqsma taċ-ċittadinanza attiva, l-edukazzjoni ċivika u l-parteċipazzjoni demokratika*** ("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili");

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-Artikolu 19 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Karta tankra l-objettiv tan-nondiskriminazzjoni fil-qafas stabbilit tat-Trattat u r-raġunijiet enumerati speċifiċi tiegħu. Iż-żieda mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-soċjetà ċivili tillimita din id-dispożizzjoni għal attivitajiet ċiviċi ġenwini aktar milli għal promozzjoni jew litigazzjoni wiesgħa, b'mod konsistenti mal-Emenda 11 dwar il-Premessa 23.

Emenda 768
Łukasz Kohut, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-	i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali***, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi***, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-

ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili (“drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili”);	ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili (“drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili”);

Or. en

Emenda 769
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili (“drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili”);	i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali***, inkluż id-drittijiet ta’ persuni li jappartjenu għal minoranzi***, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili (“drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili”);

Or. en

Emenda 770
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini***, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili*** (“***drittijiet***, ugwaljanza, ***ċittadini*** u ***soċjetà ċivili***”);	i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini (“***Ċittadini,*** ugwaljanza, ***drittijiet*** u ***valuri***”);

Or. fr

Emenda 771
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ***("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili")***;	i. ***Il-fergħa Demokrazija, Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri għandha*** tikkontribwixxi għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 772
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ia. tikkontribwixxu għall-integrità tal-informazzjoni li tippermetti l-involviment ċiviku;

Or. en

Emenda 773
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra	ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra

l-vjolenza ***abbażi tal-ġeneru***, ***il-vjolenza fuq it-tfal u*** gruppi ***oħra f'riskju ta' din il-vjolenza*** ("Daphne");	l-vjolenza ***kontra n-nisa***, ***it-tfal, iż-żgħażagħ u forom oħra ta' vjolenza kontra persuni li jappartjenu għal*** gruppi ***vulnerabbli, kif ukoll għall-protezzjoni tal-vittmi u s-superstiti*** ("Daphne");

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-mandat storiku tal-programm Daphne. Iżżid l-appoġġ espliċitu għall-vittmi u s-superstiti, filwaqt li tagħti lill-objettiv dimensjoni ta' protezzjoni flimkien mal-prevenzjoni.

Emenda 774
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne");	ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza***, inkluż diskors ta' mibegħda dirett kontra persuni li jappartjenu għal minoranzi*** ("Daphne");

Or. en

Emenda 775
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne");	ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ***u forom oħra ta' diskors ta' mibegħda***, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi ***ta' minoranza*** oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne");

Or. en

Emenda 776
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra ***l-vjolenza*** abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne");	ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra ***l-forom kollha ta' vjolenza*** abbażi tal-ġeneru ***kemm online kif ukoll offline***, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne");

Or. en

Emenda 777
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra ***l-vjolenza abbażi tal-ġeneru***, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne")***;***	ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra ***kull tip ta' vjolenza, bħall-mutilazzjoni ġenitali***, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne")***.***

Or. fi

Emenda 778
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra	ii. ***(b) is-subfergħa "Daphne"***

l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ***("Daphne");***	***għandha*** tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza

Or. en

Emenda 779
Alessandro Ciriani, Carlo Fidanza, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").	iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt")***, filwaqt li jevita attivitajiet li jistgħu jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-Unjoni u jqajmu kunflitti ta' interess, bħal lobbjar dirett lejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-korpi tad-dritt pubbliku***.

Or. it

Emenda 780
Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").	iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika***, l-integrità tal-informazzjoni li tippermetti l-involviment ċiviku*** u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika***, integrità tal-informazzjoni*** u stat tad-dritt").

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-era diġitali fejn parti kbira mill-popolazzjoni tikseb l-informazzjoni tagħha mill-media soċjali jeħtieġ li ninkludu l-integrità tal-informazzjoni li għandha tiġi appoġġata u msaħħa biex tippermetti l-involviment ċiviku li jirfed proċess demokratiku b'saħħtu.

Emenda 781
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt")**.**	iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika ***inklużiva, għall-promozzjoni tar-rappreżentanza b'bilanċ bejn il-ġeneri*** u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("Parteċipazzjoni demokratika ***inklużiva*** u stat tad-dritt")

Or. en

Emenda 782
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").	iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika***, għal implimentazzjoni aħjar tad-demokrazija fl-istituzzjonijiet tal-UE,*** u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").

Or. fi

Emenda 783
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. ***jikkontribwixxi*** għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ***("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt")***.	iii. ***(c) is-subfergħa tal-parteċipazzjoni demokratika u l-istat tad-dritt għandha tikkontribwixxi*** għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt.

Or. en

Emenda 784
Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").	iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika ***u tar-reżiljenza*** u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").

Or. el

Emenda 785
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika ***u għaż-żamma tal-istat tad-dritt*** ("parteċipazzjoni demokratika ***u stat tad-dritt***").	iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika ("parteċipazzjoni demokratika").

Or. fr

Emenda 786
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u ***għaż-żamma*** tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").	iii. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u ***għas-sensibilizzazzjoni tal-prinċipji*** tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt").

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-programm AgoraEU huwa programm ta' finanzjament fil-qasam tal-kultura, tal-media u tas-soċjetà ċivili. Ir-rwol tiegħu mhuwiex li jinforza jew jevalwa l-istat tad-dritt fil-konfront tal-Istati Membri, iżda li jippromwovi s-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni ċivika f'dan il-qasam.

Emenda 787
Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iiia. tikkontribwixxi għat-tixrid tal-għarfien dwar l-istorja Ewropea, inkluży l-kawżi u l-konsegwenzi ta' reġimi awtoritarji u totalitarji, u għat-trawwim tal-għarfien fost iċ-ċittadini Ewropej dwar l-istorja, il-wirt kulturali u l-valuri kondiviżi tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

adapted from CERV: "Remembrance activities and critical reflection on Europe's historical memory are necessary to make citizens, in particular young persons, aware of their common history and values as the foundation for a common future. Remembrance activities should

reflect on the causes of totalitarian regimes in Europe's modern history, in particular Nazism, which led to the Holocaust; fascism; Stalinism and totalitarian communist regimes, and should commemorate the victims of their crimes. They should also encompass activities concerning other defining moments and reference points in recent European history. The relevance of historical, social, cultural and intercultural factors should also be taken into account in order to create a European identity based on common values and a sense of common belonging."

Emenda 788
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iiia. tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kultura ta' paċi, djalogu, nonvjolenza, parteċipazzjoni demokratika, fehim interkulturali, rikonċiljazzjoni u koeżjoni soċjali fl-Istati Membri u bejniethom.

Or. en

Emenda 789
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Il-fergħa tal-Appoġġ ta' Emerġenza għall-Ispazju Ċiviku għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-promozzjoni ta' spazju ċiviku vibranti, reżiljenti, inklużiv u demokratiku li jissalvagwardja u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE billi tappoġġa l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu olistiku u indipendenti tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRDs) u s-Soċjetà Ċivili, biex tipprovdi appoġġ immedjat lill-

atturi tal-ispazju ċiviku mhedda, speċjalment meta ma jkun disponibbli l-ebda mekkaniżmu eżistenti, b'attenzjoni speċjali għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ("Appoġġ ta' Emerġenza").

Or. en

Emenda 790
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-fergħa tal-Valuri tal-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-promozzjoni ta' spazju ċiviku vibranti, reżiljenti, inklużiv u demokratiku li jissalvagwardja u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, b'mod partikolari billi tappoġġa l-istabbiliment ta' Faċilità ta' Rispons Rapidu tal-Unjoni Ewropea olistika u indipendenti biex tipprovdi appoġġ immedjat lill-atturi tal-ispazju ċiviku mhedda fl-UE, speċjalment meta ma jkun disponibbli l-ebda mekkaniżmu eżistenti, b'attenzjoni speċjali għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ("Reżiljenza tal-Ispazju Ċiviku").

Or. en

Emenda 791
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ca) il-fergħa Daphne għandha tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, vjolenza kontra t-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' tali vjolenza, inkluża l-vjolenza online ("Tolleranza Żero għall-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru");

Or. en

Emenda 792
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-fergħa tal-Appoġġ ta' Emerġenza għall-Ispazju Ċiviku għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-promozzjoni ta' spazju ċiviku vibranti, reżiljenti, inklużiv u demokratiku li jissalvagwardja u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE billi tappoġġa l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu olistiku u indipendenti tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRDs) u s-Soċjetà Ċivili, biex tipprovdi appoġġ immedjat lill-atturi tal-ispazju ċiviku mhedda, speċjalment meta ma jkun disponibbli l-ebda mekkaniżmu eżistenti, b'attenzjoni speċjali għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ("Appoġġ ta' Emerġenza").

Or. en

Emenda 793
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.	(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali. ***Madankollu, l-objettiv li jitrawmu sinerġiji fost l-objettivi ta' AgoraEU ma għandux jippreġudika, jiżvantaġġa jew b'xi mod ieħor jillimita l-eliġibbiltà jew il-valutazzjoni ta' proposti għal proġetti li jiffukaw esklużivament fuq objettiv uniku ta' AgoraEU.***

Or. en

Emenda 794
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.	(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali. ***Dan għandu jrawwem ukoll il-komplementarjetà u l-koerenza ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni li jsegwu objettivi relatati skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u l-finanzjament doppju.***

Or. en

Emenda 795
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Biex jimmassimizza l-impatt ***u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, tal-midja u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali***.	(3) Biex jimmassimizza l-impatt***, il-finanzjament li għandu jingħata permezz tal-Programm għandu jikkonforma ma' prinċipji stretti ta' kosteffettività u prestazzjoni***.

Or. fi

Emenda 796
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.	(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali. ***Madankollu, l-insegwiment tas-sinerġiji mhux se jsir għad-detriment ta' approċċi mmirati, speċifiċi għas-settur jew għall-industrija. .***

Or. en

Emenda 797
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.	(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet trasversali u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi jibni sinerġiji bejn l-isferi kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali. ***Tali attivitajiet ma għandhomx jimminaw, direttament jew indirettament, il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE.***

Or. en

Emenda 798
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-valur intrinsiku, tas-soċjetà u ekonomiku tas-setturi tal-kultura, tal-media u ċiviku, l-objettivi tal-Programm għandhom jiġu segwiti permezz ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew. Valur miżjud Ewropew għandu jkun żgurat, fost l-oħrajn, permezz ta':
	(a) il-karattru tranżnazzjonali tal-azzjonijiet u l-attivitajiet, li

jikkomplementaw il-programmi u l-politiki reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u programmi u politiki oħrajn tal-Unjoni, u b'hekk jippromwovu l-għeruq komuni Ewropej u d-diversità kulturali;

(b) il-kooperazzjoni transfruntiera, inkluż permezz tal-mobbilità, fost l-organizzazzjonijiet u l-professjonisti fis-setturi kulturali u kreattivi, u l-potenzjal ta' tali kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet komuni, inklużi dawk li ġejjin mit-trasformazzjoni diġitali u xprunati mill-IA, u jiġi promoss l-aċċess għall-kultura, l-involviment attiv taċ-ċittadini u d-djalogu interkulturali;

(c) l-ekonomiji ta' skala u t-tkabbir u l-impjiegi li l-appoġġ tal-UE jrawwem, u b'hekk jinħoloq effett ta' ingranaġġ għal fondi addizzjonali;

(d) it-trawwim ta' kundizzjonijiet ekwi permezz ta' azzjonijiet li jqisu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut, l-aċċess għall-kontenut, id-daqs tas-swieq u tad-diversità kulturali u lingwistika tagħhom, fid-dawl tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi u tal-media tal-aħbarijiet differenti u t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn tali pajjiżi.

Or. en

Emenda 799
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-objettivi tal-Programm għandhom jiġu segwiti b'mod li jħeġġeġ l-inklużjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità u l-parteċipazzjoni, li, fejn

xieraq, għandhom jinkisbu permezz ta' inċentivi speċifiċi li:

(a) jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jappartjenu għal minoranzi u l-persuni li jappartjenu għal gruppi soċjalment emarġinati jkollhom aċċess għas-setturi kulturali u kreattivi, u li jħeġġu l-parteċipazzjoni attiva tagħhom f'dawk is-setturi, inkluż kemm fil-proċess kreattiv kif ukoll fl-iżvilupp tal-udjenzi; u

(b) irawmu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari bħala mutur tal-kreattività, tat-tkabbir ekonomiku u tal-innovazzjoni.

Or. en

Emenda 800
Łukasz Kohut, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-Programm għandu jippromwovi l-inklużjoni, l-ugwaljanza, id-diversità u l-parteċipazzjoni billi jiżgura l-aċċess għas-setturi kulturali, kreattivi, tal-media u ċiviċi, u l-parteċipazzjoni attiva fihom, għall-persuni b'diżabbiltà, għall-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali, għal gruppi ta' minoranza oħra u għal komunitajiet soċjalment emarġinati.

Or. en

Emenda 801
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-Programm għandu jippromwovi l-inklużjoni, l-ugwaljanza, id-diversità u l-parteċipazzjoni billi jiżgura l-aċċess għas-setturi kulturali, kreattivi, tal-media u ċiviċi, u l-parteċipazzjoni attiva fihom, għall-persuni b'diżabbiltà, għall-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali, għal gruppi ta' minoranza oħra u għal komunitajiet soċjalment emarġinati.

Or. en

Emenda 802
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-fergħat u l-prijoritajiet individwali, is-sinerġiji bejn il-fergħat għandhom jibqgħu fakultattivi u ma għandhomx joħolqu kompetizzjoni diretta jew indiretta bejn il-fergħat jew inaqqsu l-aċċessibbiltà tal-finanzjament għall-atturi eliġibbli.

Or. en

Emenda 803
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) L-objettivi tal-Programm għandhom jiġu segwiti b'mod li jheġġeġ l-

inklużjoni, l-ugwaljanza, id-diversità u l-parteċipazzjoni u, fejn xieraq, l-objettivi tal-Programm għandhom jintlaħqu permezz ta' inċentivi speċifikati li:

(a) jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jappartjenu għal minoranzi u l-persuni li jappartjenu għal gruppi soċjalment emarġinati jkollhom aċċess għas-setturi kulturali u kreattivi kif ukoll għall-isferi tal-media u ċiviċi u li jħeġġu l-parteċipazzjoni attiva tagħhom f'dawk is-setturi;

(b) irawmu l-ugwaljanza, b'mod partikolari bħala mutur tal-kreattività, it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, iċ-ċittadinanza attiva, il-parteċipazzjoni demokratika u l-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 804
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Prinċipji orizzontali
	(1) L-implimentazzjoni tal-Programm u tal-attivitajiet relatati għandha titwettaq b'mod li jiżgura r-rispett:
	(a) għall-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2(a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092; u
	(b) għad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
	Dawk id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ u b'mod konsistenti matul l-implimentazzjoni tal-Programm u l-

attivitajiet relatati.

Or. en

Emenda 805
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Rispett tad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali
	(1) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm mekkaniżmi effettivi biex tiżgura l-konformità tal-attivitajiet appoġġati mill-Programm u l-implimentazzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea matul l-implimentazzjoni tal-Programm ("kundizzjoni orizzontali tal-Karta").
	(2) Meta l-Kummissjoni tqis li attività ma tissodisfax jew ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta, kif previst fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-entità jew lill-organizzazzjoni internazzjonali li twettaq l-attività, li, min-naħa tagħha, tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha u l-miżuri ta' rimedju eventwali.
	(3) Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ma tkunx issodisfata, hija għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-attività affettwata min-nuqqas ta' ssodisfar.
	Għal dak l-għan, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin tan-nuqqas ta' ssodisfar

tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta:

(a) l-impatt reali jew potenzjali fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(b) in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu.

Or. en

Emenda 806
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Rispett għall-prinċipji tal-istat tad-dritt
	(1) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm mekkaniżmi effettivi biex tiżgura l-konformità tal-attivitajiet appoġġati mill-Programm u l-implimentazzjoni tagħhom mar-rispett tal-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 matul l-implimentazzjoni tal-Programm (il-"kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt").
	(2) Meta l-Kummissjoni tqis li attività ma tissodisfax jew ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt, kif previst fil-paragrafu 1, u filwaqt li tqis ir-rapporti tal-pajjiżi dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, hija għandha tinforma lill-entità jew lill-organizzazzjoni internazzjonali li twettaq l-attività, li, minnaħa tagħha, tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha u l-miżuri ta' rimedju eventwali.
	(3) Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt ma tkunx issodisfata, hija għandha

tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-attività affettwata min-nuqqas ta' ssodisfar.

Għal dak l-għan, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt:

(a) l-impatt reali jew potenzjali fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(b) in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu.

Or. en

Emenda 807
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II Il-fergħa ***"Ewropa Kreattiva -*** Kultura***"***	II Il-fergħa Kultura ***Azzjonijiet tal-Programm. Il-Programm għandu jappoġġa azzjonijiet li huma konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 u d-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.***

Or. en

Emenda 808
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II Il-fergħa ***"Ewropa Kreattiva —*** Kultura***"***	II Il-fergħa Kultura

Or. en

Emenda 809
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kultura	***Approċċ Orizzontali-Kultura***

Or. en

Emenda 810
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura", l-objettiv speċifiku "Kultura", li jkopri s-setturi kulturali u kreattivi, ***għandu jiffoka*** fuq:	Fil-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura", l-objettiv speċifiku "Kultura", li jkopri s-setturi ***u l-industriji*** kulturali u kreattivi, ***l-azzjonijiet għandhom jitwettqu b'rispett shiħ għal-libertà artistika u d-diversità ta' espressjonijiet kulturali, u jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi għall-artisti u għall-professjonisti kulturali u kreattivi. L-appoġġ għandu jkun ristrett għal xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut tal-bniedem kreattiv sostanzjali u identifikabbli. Il-fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura tal-programm għandha tiġi implimentata filwaqt li titqies il-kapaċità amministrattiva tal-benefiċjarji. Mingħajr preġudizzju [għar-regolament dwar it-traċċar u l-***

	prestazzjoni] jew [għar-regolament finanzjarju], l-obbligi ta' rapportar għall-benefiċjarji għandhom ikunu proporzjonati kemm għall-appoġġ finanzjarju riċevut kif ukoll għad-daqs tal-benefiċjarju. L-azzjonijiet skont din il-fergħa għandhom jiffukaw fuq:

Or. en

Emenda 811
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura", l-objettiv speċifiku "***Kultura***", li jkopri s-setturi kulturali u kreattivi, għandu jiffoka fuq:	Fil-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura", l-objettiv speċifiku "***Approċċ orizzjonali-kultura***", li jkopri s-setturi kulturali u kreattivi, għandu jiffoka fuq:

Or. en

Emenda 812
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura", ***l-objettiv speċifiku*** "Kultura"***, li jkopri s-setturi kulturali u kreattivi,*** għandu ***jiffoka fuq***:	***F'konformità mal-objettivi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3***, ***il-fergħa*** "Kultura" għandu ***jkollha l-prijoritajiet li ġejjin***:

Or. en

Emenda 813

Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-trawwim ta' ***ħolqien,*** kooperazzjoni ***u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs***;	(a) it-trawwim ta' kooperazzjoni ***transfruntiera***;

Or. fi

Emenda 814
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs;	a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, ***b'attenzjoni partikolari għal xogħlijiet u formati satiriċi bħala forom distinti ta' espressjoni fi ħdan l-industriji kulturali u kreattivi Ewropej,*** inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs;

Or. de

Emenda 815
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs;	(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri ***lokali u reġjonali*** b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, ***kokreazzjonijiet, inkluż fost is-setturi kulturali u ekonomiċi u industriji oħra,*** residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs***, inklużi atturi ta' bażi u dawk ibbażati fil-komunità***;

Or. en

Emenda 816
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi***,** residenzi artistiċi***, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs***;	(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż ***permezz ta' proġetti u sħubijiet ta' kooperazzjoni fost l-organizzazzjoni ta' kull daqs, b'mod partikolari b'organizzazzjonijiet fl-għeruq tas-soċjetà, organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità u mikro,*** bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi ***u*** residenzi artistiċi;

Or. en

Emenda 817
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs;	(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll ***kooperazzjoni u*** sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs ***b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ għal proġetti fuq skala żgħira***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sħubijiet internazzjonali fuq skala kbira jiffavorixxu b'mod sistematiku organizzazzjonijiet b'riżorsi tajbin; l-emenda toħloq spazju għall-atturi kulturali fl-għeruq tas-soċejtà.

Emenda 818
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji ***transfruntieri*** b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs;	(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs;

Or. en

Emenda 819
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(aa) (a) l-appoġġ għall-ħolqien, il-produzzjoni, il-promozzjoni u ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' xogħlijiet mużikali u artisti Ewropej, li jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni, kemm fl-ambjenti ħajjin kif ukoll f'dawk diġitali;

Or. en

Emenda 820
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) it-tisħiħ tal-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekosistema tal-mużika Ewropea, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-operaturi indipendenti u l-artisti emerġenti, inkluż permezz ta' aċċess imtejjeb għall-finanzi, l-iżvilupp tan-negozju u l-opportunitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni;

Or. en

Emenda 821
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet, il-mobbiltà professjonali u l-kollaborazzjoni fost l-awturi, il-kompożituri, l-artisti tal-ispettaklu u professjonisti oħra tal-mużika, filwaqt li jitrawmu l-innovazzjoni u l-użu responsabbli tat-teknoloġiji diġitali,

inkluża l-intelliġenza artifiċjali, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

Or. en

Emenda 822
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ad (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ad) it-tisħiħ tal-iskopribbiltà u l-viżibbiltà tal-mużika Ewropea u l-espansjoni tal-iżvilupp tal-udjenza, speċjalment fost iż-żgħażagħ, permezz ta' appoġġ għad-distribuzzjoni diġitali, l-iskambju kulturali u inizjattivi li jippromwovu d-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 823
Gabriela Firea, Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess ***affordabbli u mingħajr ostakli*** għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari ***għat-tfal,*** għaż-żgħażagħ***, għan-nisa u l-bniet, persuni b'diżabbiltà, familji b'introjtu baxx, anzjani u persuni li jgħixu f'żoni rurali, bliet żgħar, viċinati urbani żvantaġġati, reġjuni depopolati jew inqas żviluppati***, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-

	diversità, permezz tal-involviment kulturali***, prattiki kulturali bbażati fil-komunità u t-tagħlim mhux formali***;

Or. en

Emenda 824
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd***, inkluż permezz ta' inizjattivi ta' involviment tal-udjenza u ta' żvilupp tal-udjenza***, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, ***it-trawwim tat-tixrid tal-għarfien dwar id-diversità kulturali, il-wirt komuni u l-valuri Ewropej, speċjalment*** permezz ***tal-edukazzjoni kulturali u*** tal-involviment kulturali;

Or. en

Emenda 825
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u	(b) ***il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, inkluż permezz tal-għoti ta' premjijiet;*** it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt

l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz ***tal-edukazzjoni u*** tal-involviment kulturali;

Or. en

Emenda 826
Annamária Vicsek, András László

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali ***kif ukoll l-identità unika tal-minoranzi nazzjonali u etniċi storiċi u indiġeni*** u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;

Or. en

Emenda 827
Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess ***għall-kultura*** u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom ***għal kulħadd***, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ***, u t-tisħiħ tar-reżiljenza*** soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza	(b) it-titjib tal-aċċess ***għall-attivitajiet ta' kultura*** u l-wirt kulturali ***tanġibbli jew intanġibbli*** u l-parteċipazzjoni fihom ***għall-Ewropej kollha***, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ ***u ċ-ċittadini f'reġjuni ultraperiferiċi u remoti, filwaqt li jissaħħu***

u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	***r-reżiljenza*** soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda qed tiċċara li l-attivitajiet kulturali, speċjalment meta jkunu wirt intanġibbli f'reġjuni remoti jew ultraperiferiċi, għandhom jiġu appoġġati f'din l-intestatura tal-Programm.

Emenda 828
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali ***u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali***, l-ugwaljanza u d-diversità***, permezz tal-involviment kulturali***;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali, l-ugwaljanza u d-diversità;

Or. fi

Emenda 829
Nicola Zingaretti

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ***, kif ukoll permezz tal-iżvilupp***

l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	***tal-udjenza b'mod partikolari għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda***, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tal-udjenza u t-taħriġ ta' udjenzi iżgħar huma lievi essenzjali għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni kulturali u biex din issir aktar inklużiva.

Emenda 830
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali ***u l-koeżjoni*** soċjali, ***b'mod partikolari l-ġustizzja*** interġenerazzjonali***, l-ugwaljanza u d-diversità***, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali***, il-koeżjoni*** soċjali, ***is-solidarjetà*** interġenerazzjonali***, ir-rispett gall-wirt nazzjonali, reġjonali, lokali, lingwistiku u reliġjuż, u l-għeruq kulturali tan-nazzjonijiet Ewropej***, permezz tal-involviment kulturali;

Or. en

Emenda 831
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd***, b'mod partikolari ż-żoni rurali, insulari, muntanjużi u periferiċi***, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;

Or. fr

Emenda 832
Esteban González Pons, Francisco José Millán Mon, Hélder Sousa Silva

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) ***il-preżervazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali Ewropew,*** it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bl-inklużjoni tas-salvagwardja u l-promozzjoni tal-wirt kulturali fl-objettivi ġenerali u speċifiċi, huwa essenzjali li dan jiġi inkluż ukoll f'dan l-Artikolu 4, li jistabbilixxi l-azzjonijiet konkreti tal-objettiv speċifiku "Kultura" fl-Ewropa Kreattiva: il-kapitolu dwar il-Kultura.

Emenda 833
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali***, inkluż f'żoni rurali, remoti u inqas moqdija***; ***;***

Or. en

Emenda 834
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz ***tal-edukazzjoni kulturali u*** tal-involviment kulturali;

Or. it

Emenda 835
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-

żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza ***bejn l-irġiel u n-nisa*** u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;

Or. sk

Emenda 836
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura***, l-arti,*** u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;

Or. en

Emenda 837
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza ***u d-diversità,*** permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, ***u*** l-ugwaljanza permezz tal-involviment kulturali;

Or. en

Emenda 838
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-lingwi reġjonali, ta' minoranza u inqas użati huma vitali għad-diversità kulturali tal-Ewropa, iżda ħafna minnhom jinsabu f'riskju. Il-Programm għandu jappoġġa lill-komunitajiet lokali fis-salvagwardja u l-promozzjoni tagħhom għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Or. en

Emenda 839
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ ***għaċ-ċirkolazzjoni***, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni ***u l-viżibbiltà*** ta' ***kontenut*** kulturali ***Ewropew varjat*** permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	(c) l-appoġġ ***għall-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni***, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni***, il-viżibbiltà u l-iskopribbiltà*** ta' ***xogħlijiet*** kulturali ***u artistiċi Ewropej varjati*** permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, ***programmi ta' mobbiltà individwali u fi gruppi,*** inizjattivi itineranti***, ir-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni mill-ġdid ta' kunċerti u prestazzjonijiet diretti permezz ta' servizzi awdjoviżivi Ewropej***, festivals, u traduzzjoni;

Or. en

Emenda 840
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew***, inklużi t-tradizzjonijiet popolari, il-festi lokali, il-folklor u l-wirt intanġibbli,*** varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;

Or. fr

Emenda 841
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti ***emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ,*** premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, ***inizjattivi itineranti, festivals,*** u traduzzjoni;	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti ***b'talent u*** premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, u traduzzjoni;

Or. fi

Emenda 842
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni ***u l-viżibbiltà*** ta' kontenut kulturali ***Ewropew varjat*** permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni***, il-viżibbiltà u l-iskopribbiltà*** ta' kontenut ***u wirt*** kulturali ***u artistiċi Ewropej varjati*** permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ ***u emerġenti***, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, ***esibizzjonijiet,*** festivals, u traduzzjoni;

Or. en

Emenda 843
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni***, inkluż fir-reġjuni***

u minnhom u f'lingwi li jintużaw inqas;

Or. en

Emenda 844
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' ***kontenut*** kulturali ***Ewropew varjat*** permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni***, l-iskopribbiltà*** u l-viżibbiltà ta' ***xogħlijiet*** kulturali ***u artistiċi Ewropej varjati*** permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ ***u emerġenti***, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, ***esibizzjonijiet,*** festivals, u traduzzjoni;

Or. en

Emenda 845
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni ***u l-viżibbiltà*** ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni***, il-viżibbiltà u l-iskopribbiltà*** ta' kontenut kulturali ***u artistiku*** Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti,

jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti ***emerġenti jew*** żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;

Or. en

Emenda 846
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni ***u l-viżibbiltà*** ta' ***kontenut*** kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni***, il-viżibbiltà u l-iskopribbiltà*** ta' ***xogħol*** kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta' pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ ***jew emerġenti***, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;

Or. en

Emenda 847
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta'	(c) l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-viżibbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat permezz ta' diversi kanali fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż permezz ta'

pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti, festivals, u traduzzjoni;	pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti, appoġġ lill-entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu lil artisti żgħażagħ, premjijiet li jippromwovu t-talent artistiku u l-eċċellenza, inizjattivi itineranti ***u ta' esportazzjoni***, festivals, u traduzzjoni;

Or. en

Emenda 848
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-appoġġ tal-ħolqien, iċ-ċirkolazzjoni u l-viżibbiltà ta' xogħlijiet letterarji Ewropej filwaqt li jissaħħu s-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekosistema Ewropea tal-kotba, jiġu promossi l-qari, il-mobbiltà professjonali u l-iżvilupp tal-ħiliet, u jissaħħaħ ir-rwol tal-libreriji u tal-ħwienet tal-kotba indipendenti bħala infrastrutturi kulturali essenzjali;

Or. en

Emenda 849
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-kontribut għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekosistema Ewropea tal-arti tal-ispettaklu, b'mod partikolari billi titrawwem il-kreazzjoni artistika, il-koproduzzjoni, il-mobbiltà, iċ-

ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet tal-arti tal-ispettaklu u artisti Ewropej bejn il-fruntieri u d-dixxiplini ("is-Settur tal-Arti tal-Ispettaklu");

Or. en

Emenda 850
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca) il-promozzjoni, b'mod partikolari, ta' attivitajiet immirati biex tiġi żgurata protezzjoni tas-sigurtà soċjali għal artisti u pubbliċisti li jaħdmu għal rashom, li tkun komparabbli ma' dik tal-impjegati;

Or. de

Emenda 851
Peter Agius, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) [1d] l-appoġġ għall-wiri u l-iskambju transfruntieri tal-wirt kulturali intanġibbli Ewropew inklużi manifestazzjonijiet tradizzjonali ta' folklor u mużika;
	[1d] Paragrafu d ġdid

Or. en

Emenda 852

Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) it-titjib tal-aċċess għall-finanzjament u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, speċifikament għal organizzazzjonijiet żgħar u ta' daqs medju u intrapriżi b'kapaċitajiet amministrattivi aktar baxxi;

Or. en

Emenda 853
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż ***l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq il-ħolqien, id-distribuzzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni u l-proprjetà intellettwali, inkluż*** b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ***, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid, l-appoġġ għat-tranżizzjoni tal-karriera, il-mentoraġġ, l-għarfien tad-drittijiet tal-proprjetà kuntrattwali u intellettwali, u informazzjoni dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali*** u tagħlim bejn il-pari***, b'attenzjoni partikolari għall-freelancers, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, in-nisa, il-professjonisti żgħażagħ u l-atturi kulturali f'reġjuni b'infrastruttura kulturali aktar dgħajfa***;

Or. en

Emenda 854
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari ***kif ukoll billi jrawmu l-adozzjoni u l-iżvilupp responsabbli tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji emerġenti oħra, jgħammru lill-professjonisti bil-ħiliet biex jużaw u jivvalutaw tali teknoloġiji, u jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jindirizzaw l-asimetriji fl-informazzjoni u fl-għarfien li jirriżultaw minn ambjenti ta' informazzjoni medjati b'mod algoritmiku u ffaċilitati bl-IA***;

Or. en

Emenda 855
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività ***u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali***	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività;

u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;

Or. fi

Emenda 856
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari***, filwaqt li jiġu evitati pożijiet amministrattivi u finanzjarji eċċessivi fuq is-setturi kulturali u kreattivi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE. Il-piż amministrattiv huwa l-ostaklu primarju dokumentat għall-parteċipazzjoni tal-SMEs u fil-livell taċ-ċittadini fil-programmi kulturali tal-UE.

Emenda 857
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu ***għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi***	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu ***għalt-tibdil fil-klima u għall-***

u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	***iżviluppi teknoloġiċi bħall-IA***, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' ***tixrid,*** taħriġ u tagħlim bejn il-pari; ***il-bini tal-kapaċitajiet; it-taħriġ fil-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet;***

Or. en

Emenda 858
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari***, u l-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali***;

Or. en

Emenda 859
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi***, l-iżvilupp tat-talenti***, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;

Or. it

Emenda 860
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, ***l-iżvilupp tat-talent,*** attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;

Or. en

Emenda 861
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, ***l-iżvilupp tat-talent,*** attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;

Or. en

Emenda 862

Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u ***biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali***, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u ***t-tranżizzjonijiet***, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;

Or. en

Emenda 863
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu ***għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u*** diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità u l-ħiliet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u biex ikunu jifilħu ***għat-tranżizzjoni*** diġitali, inkluż b'appoġġ għal networks ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bejn il-pari;

Or. fr

Emenda 864
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-appoġġ għall-ħaddiema kulturali,

l-artiġjani, il-prattikanti tal-wirt u l-medjaturi kulturali tal-komunità, li jissalvagwardjaw, jgħallmu u jġeddu l-wirt kulturali, is-snajja' tradizzjonali, l-arti tal-komunità u l-ħajja kulturali lokali, inkluż fil-libreriji, il-mużewijiet, l-arkivji, iċ-ċentri kulturali u l-istituzzjonijiet kulturali lokali, billi jsaħħu l-viżibbiltà, ir-remunerazzjoni ġusta, it-tmexxija u l-aċċess tagħhom għall-għodod diġitali, filwaqt li jiftħu perkorsi mħallsa u rikonoxxuti għaż-żgħażagħ biex jaċċessaw il-mentoraġġ, l-intraprenditorija kulturali, il-ħolqien diġitali u l-ħiliet marbuta mal-wirt ħaj u l-prattiki kulturali kontemporanji, b'mod partikolari f'komunitajiet rurali, periferali u mhux moqdija biżżejjed;

Or. en

Emenda 865
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi, b'attenzjoni partikolari mogħtija lil proġetti żgħar u ta' daqs medju;

Or. en

Emenda 866
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) l-appoġġ għal-libreriji, iċ-ċentri kulturali lokali, iċ-ċentri taż-żgħażagħ u

istituzzjonijiet kulturali lokali oħra u atturi kulturali bbażati fil-komunità bħala spazji lokali aċċessibbli għall-kultura, il-qari, il-litteriżmu fil-media u fl-IA, iċ-ċittadinanza Ewropea, ambjenti sikuri ta' tagħlim mhux formali għat-tfal u għaż-żgħażagħ, u l-volontarjat, inkluż permezz ta' klabbs tal-qari, libreriji mobbli u komunitarji, wiri ta' films Ewropej, sessjonijiet ta' ħidma dwar it-teatru u r-rakkontar tal-istejjer, medjazzjoni kulturali, attivitajiet interġenerazzjonali u tixrid tal-għarfien għat-tfal u għaż-żgħażagħ f'komunitajiet rurali, periferali, depopolati jew li b'xi mod ieħor mhumiex moqdija biżżejjed;

Or. en

Emenda 867
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data**,** u azzjonijiet pilota;	(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data u azzjonijiet pilota***, inkluż billi jiġu indirizzati l-lakuni fid-data u fil-metodoloġija li jikkonċernaw l-ostakli soċjali, territorjali, tal-ġeneru, tal-età, dawk relatati mad-diżabbiltà u dawk relatati mad-diskriminazzjoni għall-parteċipazzjoni kulturali, l-aċċess għat-tagħlim mhux formali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-setturi kulturali u kreattivi, b'rispett sħiħ tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni***;

Or. en

Emenda 868
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data, u azzjonijiet pilota;	(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, ***l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi*** u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data, u azzjonijiet pilota ***u permezz tal-appoġġ għall-kapaċitajiet ta' analiżi tas-suq***;

Or. en

Emenda 869
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali ***b'kooperazzjoni u*** bi skambju ta' prattiki tajbin ***fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data, u azzjonijiet pilota***;	(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali bi skambju ta' prattiki tajbin;

Or. fi

Emenda 870
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data, u azzjonijiet pilota;	(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data, u azzjonijiet pilota***, inkluż mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-partijiet ikkonċernati***;

Or. en

Emenda 871
Nicola Zingaretti

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-appoġġ għall-katina tal-valur kollha tal-mużika inkluż permezz ta' networks Ewropej tal-mużika u strutturi kollaborattivi, il-promozzjoni ta' spazji kreattivi aċċessibbli u postijiet tal-mużika diversi, inkluż permezz tar-riġenerazzjoni u tar-rivitalizzazzjoni tal-ispazji mhux użati biżżejjed jew abbandunati, b'mod partikolari fiż-żoni milquta mid-dežertifikazzjoni kulturali, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ tekniku u amministrattiv għal tali entitajiet;

Or. it

Emenda 872
Lynn Boylan, Mario Furore, Pernando Barrena Arza, João Oliveira

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-appoġġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-pubbliku jkollu aċċess għall-

arti u l-kultura fil-komunitajiet lokali tagħhom u li l-ispazji tal-arti u l-kultura jkunu jistgħu jkomplu joperaw;

Or. en

Emenda 873
Nicola Zingaretti

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) l-appoġġ tal-aċċess għall-kultura fit-territorji kollha billi jiġu inkoraġġiti r-rivitalizzazzjoni, i-riġenerazzjoni u r-riġenerazzjoni ta' spazji mhux użati biżżejjed, mhux użati jew abbandunati għal skopijiet kulturali u kreattivi u, fejn ma jkun hemm l-ebda spazju xieraq, il-ħolqien ta' spazji komunitarji kulturali ġodda, b'enfasi partikolari fuq iż-żoni interni, rurali, remoti u depopolati u kwartieri urbani żvantaġġati affettwati mid-dežertifikazzjoni kulturali;

Or. it

Emenda 874
Nicola Zingaretti

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) l-appoġġ tal-adozzjoni ta' għodod, teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi biex il-postijiet kulturali jiġu adattati għall-istandards kontemporanji tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni;

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-adattament għall-istandards kontemporanji tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni jsaħħaħ kemm il-kwalità tal-ħolqien kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet u l-aċċess pubbliku.

Emenda 875
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u l-kontribut għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni kulturali;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 876
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u l-kontribut għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni kulturali;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 877
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u l-kontribut għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni kulturali;	(f) l-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u l-kontribut għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni kulturali ***u permezz ta' aġenziji ta' kooperazzjoni kulturali esterna nazzjonali u reġjonali, u aġenziji u istituzzjonijiet ta' diplomazija kulturali msejsa fuq ekosistemi reġjonali***; ***;***

Or. en

Emenda 878
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u l-kontribut għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni kulturali;	(f) l-avvanz tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-Unjoni u l-kontribut għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni kulturali***, filwaqt li jiġu rrispettati d-diversità kulturali u l-identità nazzjonali tal-Istati Membri***;

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-kooperazzjoni kulturali hija waħda mill-kompetenzi ta' appoġġ tal-Unjoni. Huwa xieraq li jiġi affermat li l-iżvilupp tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali ma għandux iwassal għad-dgħufija tad-diversità kulturali jew tal-identità nazzjonali tal-Istati Membri, iżda għall-preżentazzjoni u l-preżervazzjoni tagħhom.

Emenda 879
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-promozzjoni tad-diversità lingwistika, iċ-ċirkolazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-letteratura u l-kotba Ewropej, inklużi xogħlijiet f'lingwi ta' minoranza, reġjonali u minoritizzati, b'aċċessibbiltà online mtejba, u t-tisħiħ tar-rwol tal-libreriji permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera, traduzzjoni, innovazzjoni diġitali, aċċess għall-finanzjament u miżuri mmirati lejn il-promozzjoni tal-qarrejja u l-parteċipazzjoni kulturali, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ.

Or. en

Emenda 880
Łukasz Kohut, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-promozzjoni tad-diversità lingwistika, iċ-ċirkolazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-letteratura u l-kotba Ewropej, inklużi xogħlijiet f'lingwi ta' minoranza, reġjonali u minoritizzati, b'aċċessibbiltà online mtejba, u t-tisħiħ tar-rwol tal-libreriji permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera, traduzzjoni, innovazzjoni diġitali, aċċess għall-finanzjament u miżuri mmirati lejn il-promozzjoni tal-qarrejja u l-parteċipazzjoni kulturali, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ.

Or. en

Emenda 881
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet Nru 445/2014/UE[27] u Nru 1194/2011/UE[28] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni.	(g) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet Nru 445/2014/UE[27] u Nru 1194/2011/UE[28] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni***, filwaqt li jiġu żgurati l-impatt ekonomiċi, tal-media, u kulturali ta' dawn l-azzjonijiet***.
[27] Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445(1)/oj). .	[27] Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445(1)/oj). .
[28] Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/1194/oj). .	[28] Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/1194/oj). .

Or. fr

Emenda 882
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-appoġġ għad-diversità, il-kompetittività, is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-mużika Ewropea, inkluża l-mużika diretta, tul il-katina tal-valur tagħha billi jiġu promossi

l-ħolqien, id-distribuzzjoni, l-iskopribbiltà, il-prominenza, l-iżvilupp tal-udjenzi, l-avvenimenti diretti bħat-turiżmu u l-festivals, l-iżvilupp professjonali u l-innovazzjoni, kif ukoll billi jissaħħu l-bażi tal-evidenza u l-għarfien tas-suq tas-settur;

Or. en

Emenda 883
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Karta tal-Artisti tal-UE;

Or. en

Emenda 884
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) l-appoġġ għall-ħtiġijiet tal-artisti u tal-professjonisti kulturali f'riskju ta' spostament furzat jew fi spostament furzat, billi tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom, tiġi ffaċilitata r-rilokazzjoni sikura u sostenibbli, u jiġu appoġġati t-tishih tal-pożizzjoni u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi kulturali Ewropej permezz ta' skemi ta' appoġġ iddedikati;

Or. en

Emenda 885
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) l-appoġġ għad-diversità, iċ-ċirkolazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-letteratura u l-kotba Ewropej, u t-tisħiħ tar-rwol tal-libreriji, inkluż permezz ta' skambji professjonali, kooperazzjoni u traduzzjoni transfruntieri, it-trawwim tal-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-udjenzi u avvenimenti diretti.

Or. en

Emenda 886
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jkun meħtieġ, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi għas-settur li ma jistgħux jiġu ssodisfati b'mod suffiċjenti permezz tal-objettivi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti a-g ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi pprovdut appoġġ għal azzjonijiet immirati għal setturi kulturali u kreattivi speċifiċi, inklużi azzjonijiet li: ***a. jikkontribwixxu għad-diversità kulturali u lingwistika u r-reżiljenza tal-ekosistema Ewropea tal-kotba, b'mod partikolari billi jrawmu l-kreazzjoni letterarja, it-traduzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej fil-formati kollha;*** ***b. jiżguraw l-integrazzjoni effettiva tal-***

prijoritajiet trażversali, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju ddedikat u addizzjonali għall-kostijiet tal-aċċessibbiltà, filwaqt li jiġu promossi wkoll prattiki sostenibbli, il-benesseri mentali u ambjenti tax-xogħol sikuri fis-settur kollu tal-mużika;

c. jikkontribwixxu għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekosistema Ewropea tal-arti tal-ispettaklu, b'mod partikolari billi titrawwem il-kreazzjoni artistika, il-koproduzzjoni, il-mobbiltà, iċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet tal-arti tal-ispettaklu u artisti Ewropej bejn il-fruntieri u d-dixxiplini;

d. jikkontribwixxu għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekosistemi tal-arkitettura u tal-wirt kulturali, inklużi l-promozzjoni u l-appoġġ għas-salvagwardja, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv sostenibbli tal-wirt kulturali;

e. jikkontribwixxu għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-snajja' u tal-ekosistema tad-disinn;

L-appoġġ skont dan il-paragrafu għandu jingħata biss meta l-ħtiġijiet identifikati jkunu ġenwinament speċifiċi għas-settur u ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati b'mod suffiċjenti permezz ta' azzjonijiet orizzontali skont il-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 887
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Fil-fergħa "Ewropa Kreattiva - Kultura", l-objettiv speċifiku "Kotba u Pubblikazzjoni", li jkopri s-setturi kulturali u kreattivi u l-industriji relatati mal-kotba u l-pubblikazzjoni, għandu jiffoka fuq:

(a) l-appoġġ għall-ħolqien, iċ-ċirkolazzjoni, it-traduzzjoni u l-viżibbiltà internazzjonali ta' xogħlijiet letterarji Ewropej, li jirriflettu d-diversità lingwistika u kulturali tal-Unjoni, inklużi lingwi reġjonali, ta' minoranza u użati inqas; l-appoġġ fl-istess ħin għat-tixrid tal-għarfien għal udjenzi diversi;

(b) il-promozzjoni ta' ekosistema tal-kotba aktar kompetittiva u reżiljenti fl-Unjoni, mill-awturi, it-tradutturi u l-pubblikaturi sal-istampaturi, id-distributuri, il-bejjiegħa tal-kotba u l-libreriji, filwaqt li jiġu appoġġati l-innovazzjoni, l-iżvilupp professjonali, il-kooperazzjoni tranżazzjonali u l-iskambji għall-professjonisti fis-setturi, u t-titjib tal-aċċess għall-finanzi, b'mod partikolari għall-SMEs;

(c) il-kontribut għal settur letterarju ġust, trasparenti u innovattiv billi jiġi żgurat li l-kreattività xprunata mill-bniedem tibqa' ċentrali, jitħeġġeġ l-użu responsabbli tal-IA, u jiġu appoġġati l-awturi ċari, l-oriġinalità u l-produzzjoni letterarja professjonali ta' kwalità għolja;

Or. en

Emenda 888
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-fergħa "Ewropa Kreattiva - Kultura", l-objettiv speċifiku "Mużika", li jkopri s-

setturi kulturali u kreattivi u l-industriji relatati mal-mużika, għandu jiffoka fuq:

(a) l-appoġġ għall-ħolqien, il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni u l-viżibbiltà ta' xogħlijiet mużikali Ewropej, li jirriflettu d-diversità lingwistika u kulturali tal-Unjoni, fil-formati u s-swieq kollha, inkluż internazzjonalment;

(b) it-tisħiħ tal-kompetittività u l-indipendenza tas-settur tal-mużika, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-artisti indipendenti, billi jiġu indirizzati l-konċentrazzjoni tas-suq u d-dominanza dejjem akbar tal-pjattaformi diġitali u tal-istreaming,

(c) l-appoġġ għall-katina tal-valur tal-mużika inkluż permezz ta' networks Ewropej tal-mużika u struttura kollaborattiva u t-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent tul il-katina tal-valur permezz ta' miżuri mmirati għall-kompożituri, il-kittieba tal-kanzunetti u l-artisti tal-ispettaklu, il-promozzjoni ta' spazji kreattivi aċċessibbli u postijiet tal-mużika diversi, u l-għoti ta' appoġġ tekniku u amministrattiv għal entitajiet li jiffukaw fuq l-iżvilupp tat-talent;

(d) il-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà tal-artisti u tar-repertorji u l-iżvilupp ta' udjenzi diversi, inkluż f'reġjuni rurali, remoti u ultraperiferiċi, inkluż billi jissaħħu l-viżibbiltà, il-kooperazzjoni u l-aċċess għas-swieq, jiġu appoġġati entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti emerġenti, programmi ta' mobbiltà individwali u fi gruppi, inizjattivi itineranti u festivals;

(e) it-tisħiħ tal-ispettaklu dirett bħala parti essenzjali mill-ekosistema mużikali tal-Ewropa, ir-rikonoxximent tar-rwol tagħha fil-konnessjoni tal-artisti u l-udjenzi, is-sostenn tal-postijiet lokali u l-komunitajiet kulturali, l-appoġġ għall-iżvilupp artistiku u l-iżgurar li x-xogħlijiet mużikali Ewropej jiġu esperjenzati

(f) it-tisħiħ tal-iżvilupp tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza permezz ta' ġbir u analiżi mtejba tad-data, billi jiġi appoġġat Osservatorju Ewropew tal-Mużika u miżuri li jikkontribwixxu għal trasparenza akbar tas-settur tal-mużika.

Or. en

Emenda 889
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi ***biex jitjiebu l-kundizzjonijiet*** tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u ***għandha*** tikkontribwixxi ***għall-objettivi tal-Karta tal-Artisti Ewropej billi tippromwovi kundizzjonijiet*** tax-xogħol ***ġusti u deċenti*** tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi***, żvilupp tal-ħiliet, sostenibbiltà ambjentali u l-użu responsabbli tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji emerġenti oħra. Meta jintużaw għodod tal-intelliġenza artifiċjali, dawn għandhom jappoġġaw u jtejbu l-kreattività tal-bniedem, li għandha tibqa' l-kontribut kreattiva primarju tal-attivitajiet appoġġati.***

Or. en

Emenda 890
Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u ***għandha*** tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi***, filwaqt li tippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika, u tiżgura aċċess ekwu għall-operaturi kulturali ta' kull daqs u mill-Istati Membri kollha, b'attenzjoni partikolari għall-operaturi mill-Istati Membri bi swieq kulturali iżgħar u għat-tradizzjonijiet kulturali reġjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżid dispożizzjoni ta' ekwità li tiżgura li l-operaturi minn Stati Membri iżgħar u dawk li jaħdmu bil-lingwi ta' minoranza u t-tradizzjonijiet kulturali reġjonali jkollhom aċċess ġenwin għall-Programm. Dawn huma operazzjonalizzazzjonijiet konkreti tal-impenn iddikjarat tal-Programm għad-diversità kulturali.

Emenda 891
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika ***u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi***.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika.

Or. fi

Emenda 892

Chiara Gemma, Marco Squarta, Lara Magoni, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali***, mingħajr ma jiġu imposti gwidi tematiċi jew ibbażati fuq il-valur fl-għażla tal-proġetti li għandhom jiġi ffinanzjati***, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.

Or. it

Emenda 893
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi***, filwaqt li tiżgura tixrid tal-għarfien territorjali wiesa' madwar l-Unjoni***.

Or. en

Emenda 894
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali ***u lingwistiċi***, u tikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.

Or. en

Emenda 895
Marcos Ros Sempere

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi tas-"Setturi Kulturali" u tas-"Settur tal-Kotba u tal-Pubblikazzjoni" għandha titwettaq b'rispett sħiħ għal-libertà artistika, id-drittijiet tal-awturi u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi. Għal dak l-għan, il-Programm għandu jappoġġa kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri, flimkien ma' remunerazzjoni ġusta u nondiskriminatorja. L-appoġġ fil-fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva għandu jkompli jiġi dirett lejn xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut tal-bniedem kreattiv sostanzjali u identifikabbli. Meta l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali jintużaw f'kapaċità awżiljarja, dawn għandhom iservu biex itejbu l-kreattività tal-bniedem, jiġu implimentati bi trasparenza sħiħa, bil-kunsens tal-artisti kontribwenti u tal-

professjonisti kulturali u kreattivi li għandhom jiġu remunerati kif xieraq. L-applikanti li jfittxu appoġġ permezz tal-fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u l-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1a, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha, dwar l-obbligu li tiġi rispettata kwalunkwe riżerva espressa tad-drittijiet (nonpartečipazzjoni) mid-detenturi tad-drittijiet.

Or. en

Emenda 896
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-azzjonijiet taħt il-Fergħa Ewropa Kreattiva – Kultura għandhom iqisu u jfittxu li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali, inkluż billi jippromwovu remunerazzjoni ġusta, protezzjoni soċjali, u trasferibbiltà tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali bejn il-fruntieri. Il-kriterji ta' evalwazzjoni għall-proġetti għandhom jinkludu valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol offruti lill-artisti u lill-professjonisti kulturali parteċipanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji tal-artisti u l-professjonisti kulturali huma identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni stess bħala sfida strutturali. Li t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol isir element operattiv tal-fergħa Kultura - u li jiġi inkluż fil-kriterji ta' evalwazzjoni - jiżgura li l-finanzjament tal-UE ma jintużax biex jappoġġa proġetti li jisfruttaw lill-ħaddiema kulturali.

Emenda 897
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-azzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jiġu segwiti l-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinsabu fit-Taqsima 1 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 898
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Approċċ settorjali tal-kultura
	Fil-fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura, fejn meħtieġ, fid-dawl li jiġi kkomplementat l-approċċ orizzontali skont l-Artikolu 4, u b'rispons għall-isfidi speċifiċi għas-settur, l-objettiv speċifiku "Approċċ settorjali għall-kultura", għandu jiffoka fuq:
	(a) il-kontribut għad-diversità u r-reżiljenza tas-settur tal-mużika, b'mod partikolari billi jsaħħaħ il-ħolqien, il-promozzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet mużikali Ewropej u jindirizza l-iżbilanċi strutturali;
	(b) il-kontribut għad-diversità kulturali u lingwistika u r-reżiljenza tal-ekosistema Ewropea tal-kotba, b'mod partikolari billi jrawwem il-ħolqien letterarju, it-

traduzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u l-adattament tal-letteratura f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;

(c) il-kontribut għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekosistema Ewropea tal-arti tal-ispettaklu, b'mod partikolari billi jitrawmu l-kreazzjoni artistika, il-koproduzzjoni, il-mobbiltà, iċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet tal-arti tal-ispettaklu u artisti Ewropej bejn il-fruntieri u d-dixxiplini;

(d) il-kontribut għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekosistemi tal-arkitettura u tal-wirt kulturali, inkluż il-promozzjoni u l-appoġġ għas-salvagwardja sostenibbli, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid sostenibbli tal-wirt kulturali;

(e) il-kontribut għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekosistema tal-arti viżiva;

(f) il-kontribut għad-diversità kulturali, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-snajja' u tal-ekosistema tad-disinn u;

(g) l-appoġġ għal setturi oħra meta jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi.

L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jingħata biss meta l-ħtiġijiet identifikati jkunu ġenwinament speċifiċi għas-settur u ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati b'mod sufiċjenti permezz ta' azzjonijiet orizzontali skont l-Artikolu 4 "Approċċ Orizzontali-Kultura".

Or. en

Emenda 899
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	L-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi "Approċċ orizzontali-kultura" u "Approċċ settorjali-kultura" għandha titwettaq b'rispett sħiħ għal-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali u lingwistiċi, filwaqt li jiġi ppreżervat u promoss il-valur intrinsiku tal-kultura. Din għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi. Għal dak l-għan, l-appoġġ għandu jingħata esklużivament lil attivitajiet li jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri, kif ukoll remunerazzjoni ġusta u nondiskriminatorja.

Or. en

Emenda 900
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4c
	L-appoġġ fil-fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura għandu jkompli jiġi ristrett għal xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut tal-bniedem kreattiv sostanzjali u identifikabbli. Meta l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali jintużaw f'kapaċità awżiljarja, dawn għandhom iservu biex itejbu l-kreattività tal-bniedem, jiġu implimentati bi trasparenza sħiħa u jkunu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 901

Łukasz Kohut

Proposta għal regolament
Kapitolu IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	IIa Kapitolu IIa
	Fergħa Kultura - Mużika
	Artikolu 4b
	Mużika
	1. Il-fergħa Kultura - Mużika għandha l-għan li tipprovdi appoġġ iddedikat għas-settur tal-mużika fl-Unjoni billi tindirizza l-iżbilanċi strutturali.
	2. Il-fergħa Kultura - Mużika għandha tiffoka fuq:
	(a) l-appoġġ għall-ħolqien, il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni u l-viżibbiltà ta' xogħlijiet mużikali Ewropej, li jirriflettu d-diversità lingwistika u kulturali tal-Unjoni, fil-formati u s-swieq kollha, inkluż internazzjonalment;
	(b) it-tishiħ tas-sostenibbiltà, il-kompetittività u l-indipendenza tas-settur tal-mużika, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-organizzazzjonijiet u l-artisti u l-entitajiet indipendenti, billi jiġu indirizzati l-konċentrazzjoni tas-suq u d-dominanza dejjem akbar tal-pjattaformi diġitali u tal-istreaming, u billi tiġi promossa distribuzzjoni tal-valur aktar ġusta tul il-katina tal-valur tal-mużika inkluż billi jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-intelliġenza artifiċjali u l-aċċess għall-finanzi;
	(c) it-titjib tal-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari għal applikanti għall-ewwel darba, artisti u entitajiet indipendenti u intrapriżi u organizzazzjonijiet mirko, żgħar u ta' daqs medju inkluż permezz ta' proċeduri simplifikati, proċess ta' applikazzjoni f'żewġ stadji, u possibbiltajiet għal

finanzjament sħiħ;

(d) l-appoġġ għas-settur sħiħ tal-mużika inkluż permezz ta' networks Ewropej tal-mużika u strutturi kollaborattivi, il-promozzjoni ta' spazji kreattivi aċċessibbli (inklużi postijiet tal-mużika), attivitajiet u prattiki u l-għoti ta' appoġġ tekniku u amministrattiv għal tali entitajiet;

(e) il-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà tal-artisti u tar-repertorji u l-iżvilupp ta' udjenzi diversi, inkluż f'reġjuni rurali, remoti u ultraperiferiċi, inkluż billi jissaħħu l-viżibbiltà, il-kooperazzjoni u l-aċċess għas-swieq, jiġu appoġġati entitajiet li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti żgħażagħ, programmi ta' mobbiltà individwali u fi gruppi, inizjattivi itineranti u festivals, attivitajiet tal-mużika edukattivi u parteċipattivi;

(f) l-iżgurar tal-integrazzjoni effettiva tal-prijoritajiet trażversali, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju ddedikat u addizzjonali għall-kostijiet tal-aċċessibbiltà, filwaqt li jiġu promossi wkoll prattiki sostenibbli, il-benesseri mentali u ambjenti tax-xogħol sikuri fis-settur kollu;

(h) it-tisħiħ tal-iżvilupp tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza permezz ta' ġbir u analiżi mtejba tad-data, billi jiġi appoġġat Osservatorju Ewropew tal-Mużika u miżuri li jikkontribwixxu għal trasparenza akbar tas-settur tal-mużika.

3. L-implimentazzjoni tal-fergħa Kultura - Mużika għandha titwettaq b'rispett sħiħ tal-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali fid-dimensjonijiet artistiċi, tas-soċjetà u ekonomiċi kollha tal-mużika. Din għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni ġusta u l-protezzjoni soċjali għall-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità soċjali.

Għandha tqis ukoll is-sitwazzjoni speċifika tal-artisti f'riskju u tiżgura ekosistema tal-mużika aktar ibbilanċjata u ekwa madwar l-Istati Membri.

4. Tali appoġġ għandu jkun ristrett għal xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut tal-bniedem kreattiv sostanzjali u identifikabbli. Meta l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali jintużaw f'kapaċità awżiljarja, dawn għandhom iservu biex itejbu l-kreattività tal-bniedem u jkunu soġġetti għal kunsens infurmat, trasparenza shiħa, u remunerazzjoni xierqa. Barra minn hekk, ix-xogħol kreattiv ma għandux jibbaża fuq kontenut iġġenerat mill-IA bħala l-kontribut primarju tiegħu, li mbagħad jerġa' jinħadem mill-artisti. Il-benefiċjarji finali għandhom jikkonformaw mad-Direttiva (UE) 2019/790, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha, dwar l-obbligu li tiġi rispettata kwalunkwe riżerva espressa ta' drittijiet (nonpartečipazzjoni) mid-detenturi tad-drittijiet.

Or. en

Emenda 902
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awdjoviżiv	***Media***

Or. en

Emenda 903
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awdjoviżiv	***MEDIA***

Or. en

Emenda 904
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awdjoviżiv	***Media+***

Or. en

Emenda 905
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa MEDIA+, l-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandu jiffoka fuq:	***(1) F'konformità mal-objettivi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3, is-subfergħa "Media" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin***:

Or. en

Emenda 906
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa MEDIA+***, l-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandu jiffoka*** fuq:	***Il-fergħa*** MEDIA+ ***għandha tiffoka*** fuq ***l-industriji awdjoviżivi billi***:

Or. en

Emenda 907
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ ***għall-ħolqien*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi ***Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri***;	(a) l-appoġġ ***lill-kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej fl-iżvilupp, il-ħolqien u l-produzzjoni*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi***, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs u l-produtturi minn pajjiżi u reġjuni b'kapaċità ta' produzzjoni awdjoviżiva aktar limitata jew swieq iżgħar, sabiex il-finanzjament tal-Unjoni jilħaq firxa usa' ta' ilħna, lingwi u stejjer Ewropej, filwaqt li jippermetti l-kooperazzjoni max-xandara, is-servizzi ta' video-on-demand u atturi awdjoviżivi oħra bħala sħab meta tali kooperazzjoni ssaħħaħ il-finanzjament, id-distribuzzjoni jew l-ilħuq tal-udjenza u ma timminax l-indipendenza kreattiva u editorjali tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 908
Marcos Ros Sempere

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ ***għall-ħolqien*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej***, f'diversi*** formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ ***għall-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni u l-koproduzzjoni*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi ***u ċinematografiċi*** Ewropej ***minn kumpaniji tal-produzzjoni awdjoviżiva u koproduzzjonijiet Ewropej, inklużi koproduzzjonijiet li jinvolvu fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fejn il-kumpanija ta' produzzjoni indipendenti jkollha sehem sinifikanti ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kif ukoll id-distribuzzjoni teatrali ta' xogħlijiet ċinematografiċi fi swali taċ-ċinema f'varjetà ta'*** formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti***, inklużi tfal u żgħażagħ,*** lil hinn mill-fruntieri;

Or. en

Emenda 909
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ ***għall-ħolqien*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej***, f'diversi*** formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ ***għall-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni u l-koproduzzjoni*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi ***u ċinematografiċi*** Ewropej ***esklużivament minn kumpaniji Ewropej indipendenti tal-produzzjoni awdjoviżiva kif ukoll id-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej u d-distribuzzjoni teatrali ta' xogħlijiet ċinematografiċi Ewropej fis-swali taċ-ċinema f'varjetà ta'*** formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti***, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ,*** lil hinn mill-fruntieri;

Or. en

Emenda 910
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien***, l-iżvilupp, il-koproduzzjoni u l-produzzjoni*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, ***filwaqt li jitrawmu l-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni transfruntieri, tiġi promossa l-innovazzjoni fost entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti,*** bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. en

Emenda 911
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri***, b'attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tal-SMEs u tal-kumpaniji awdjoviżivi emerġenti billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, il-kompetittività u l-kapaċità li jespandu***;

Or. en

Emenda 912
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, ***inklużi l-ekosistemi tal-ħolqien reġjonali u lokali,*** bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri ***u tiġi riflessa d-diversità lingwistika u kulturali tal-Ewropa***;

Or. en

Emenda 913
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, ***b'mod partikolari x-xogħlijiet li jippromwovu l-istorja, il-pajsaġġ, il-lingwi u l-wirt Ewropew,*** f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. fr

Emenda 914
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri ***li jirrappreżentaw***

udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

opinjonijiet u fehmiet politiċi differenti, ***u*** bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. fi

Emenda 915
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, ***inklużi xogħlijiet prodotti f'lingwi reġjonali u ta' minoranza,*** bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. en

Emenda 916
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej***, irrispettivament mill-istruttura korporattiva jew il-mudell ta' sjieda tagħhom***, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. en